Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 435/2017

Il-Pulizija

Spettur Paula Ciantar

Vs

*Omissis*

Illum 8 ta' Novemberu, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat *Omissis*, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 171686M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-26 t'April 2016 u fil-ġimgħat u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmulin b'rizoluzzjoni waħda:

1. Ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' u ċioe *Omissis* ta' 8 snin;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, b'egħmil zieni, ikkorompa persuna ta' taħt l-eta', bi ħsara ta' *Omissis*, li kienet għadha m'għalqitx l-eta' ta' 12 il-sena u li kienet fdata lilu sabiex jieħu ħsiebha, jedukaha, jgħallimha, jindukraha jew izommha

Illi, ukoll f'kaz ta' ħtija, il-Qorti kienet mitluba sabiex titratta mal-appellat, qua imputat, bħala reċediv, u dan wara li ingħata sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr D. Clarke LL.D, nhar it-30 ta' Novembru 2012;

Illi, ukoll il-Qorti kienet mitluba sabiex, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' tal-imsemmija minuri *Omissis*, u tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawteli li l-istess Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Illi, ukoll il-Qorti kienet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' *Omissis* ai termini tal-Artikolu 383 et seq. tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi, fl-aħħarnett, il-Qorti kienet ġentilment mitluba li f'kaz ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-appellant qua imputat sabiex iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Ottubru, 2017 fejn il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu minnhom.

Il-Qorti ordnat d-divjiet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri u dak tal-imputat fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fl-20 ta' Ottubru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi tal- 20 t' Ottubru 2017 u minflok issib lil *Omissis* ħati tal-akkuzi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tgħaddi sabiex tiddisponi mill-kaz skond il-liġi u tinfliġġi l-piena idoneja u dana fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. **<u>L-Ewwel Aggravju</u> – L-ammissibilita' *o meno* tax-xhieda tal-minuri *Omissis***

Illi, fis-sentenza surreferita, l-Ewwel Qorti ikkonkludiet illi *"l-istess esperti fix-xhieda tagħhom indikaw li l-minuri għandha cognitive ability ta' tifla ta' sentejn u għalhekk dan zgur ifisser li din it-tifla ma tisgħax tifhem x'inhuma l-konsegwenzi li wieħed ma jgħidx il-verita' u ċertament ma tistax titqies bħala xhud kompetenti u ammissibli skond ma jindikaw l-Artikoli tal-Liġi..."*;

Illi, *in oltre*, id-difiza kienet irriteniet *"li huwa pjuttost evidenti li l-minuri konċernata kemm minħabba l-kundizzjoni tagħha kif ukoll minħabba l-mod kif wieġbet għad-domandi u l-mod kif aġixxiet waqt il-videoconference li hija ma setgħetx tifhem xi tfisser li tgħid il-verita' u x'inhuma il-konsegwenzi li ma tgħidx il-verita'"*. L-Ewwel Qorti qablet ma tali sottomissjoni;

Illi, b'kull dovut rispett, ir-rikorrent ma jaqbilx mal-konkluzjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti, u dana hekk kif ser jiġi spjegat;

Illi, l-ewwelnett, id-diċitura tal- Artikoli 629 u 630 tal-Kodiċi Kriminali hija ċara u tistipola propju hekk –

> *629. (1) Kull min hu f'sensieh jista' jinġieb bħala xhud, jekk ma jkunx hemm xi eċċezzjoni kontra l-kompetenza tiegħu.*
> *(2) Il-qorti tfisser lix-xhud l-importanza tal-ġurament, meta jkollha dubju jekk ix-xhud, minħabba l-età jew għal xi raġunijiet oħra, jafx b'dik l-importanza; u jekk, għalkemm tagħmillu dan ittifsir, il-qorti jkun jidhrilha meħtieġ illi x-xhud, qabel ma jixhed, għandu jiġi mgħarraf aħjar fuq il-konsegwenzi ta' xiehda falza, hija tista', jekk fil-fehma tagħha x-xiehda ta' dak ix-xhud tkun importanti għall-finijiet tal-ġustizzja, tħalli l-kawża għal ġurnata oħra, u, jekk dan il-każ jiġri fil-Qorti Kriminali, tħoll il-ġuri.*

*630. Ħadd ma jista' jiġi eskluż milli jixhed minħabba li ma jkollux xi età partikulari; hu biżżejjed illi l-qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, għalkemm mhux tal-età, jaf illi hija ħaġa ħażina li wieħed jixhed il-falz.*

Illi, ukoll, għandna ġurisprudenza varja li tgħallimna dwar dan il-kunċett. Senjatament fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici datata 28 ta' Marzu 1949, ġie stipulat hekk –

*Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l-età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l-importanza tal-gurament, anki wara t-tifsir talQorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;*

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-eta' tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-liġi u l-ġurisprudenza varja, ġiet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-Notes on Criminal Procedure (pp.106-107) b'dan il-mod:

*The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony …. **Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intellegence of the witness**[1].*

[1] Enfazi tal-esponent.

*Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ….*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that witness as incompetent***[2]*. It cannot hear him without oath (…);*

Illi, fil-proċeduri odjerni, meta wieħed janalizza l-atti proċesswali, senjatament il-video conference li matulha xehdet il-minuri ta' tmien snin *Omissis*, wieħed jara li fil-bidu tal-istess, il-Maġistrat tgħidilha hekk – "*Isma' inti taf xi tfisser jekk tagħmilli pinky promise li ħa tgħid il-verita'?*". *Omissis* immedjatament twieġeb "*Iwa*". Il-Maġistrat terġa – "*Ijja, nagħmlu pinky promise?*" u *Omissis* terġa twieġeb "*Iwa*". U aktar il-quddiem, il-Maġistrat terġa ttenni – "*Mela, għamiltli pinky promise, ħa tgħidli l-verita'? Promise, promise, promise hux?*" u *Omissis* twieġeb "*All right, all right*". Għal din l-affermazzjoni da parti tal-minuri, umbagħad il-Maġistrat qaltilha "*Promise, brava*". Dan iwassal sabiex wieħed jifhem li l-Maġistrat kienet konvinta li l-minuri kienet taf id-differenza bejn il-verita' u l-gideb u filfatt ipproċediet sabiex tkompli bl-ezami

[2] Enfazi tal-esponent.

tax-xhud. Kieku verament il-Maġistrat kellha d-dubbju fuq jekk il-minuri kienitx kompetenti jew le, kieku kienet tiddiferixxi l-kawza għal darb'oħra jew tiddikjara mal-ewwel tali xhud bħala inkompetenti. Pero, il-Maġistrat għazlet li tgħaddi sabiex tisma' ix-xhieda tat-tifla fl-intier tagħha. Kien biss wara li semgħet il-psikologi jespletaw l-inkarigu mogħti lilhom li l-Maġistrat bidlet il-ħsieb dwar il-kompetenza *o meno* tal-istess xhud minuri;

Illi, fis-sentenza mogħtija nhar is-6 ta' Lulju 2017 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija (Spettur Louise Calleja) vs. Ommissis, ġie ritenut illi:

*Jekk wiehed jezamina dak li tghid il-ligi fl-imsemmija artikoli 629 u 630 tal-Kodici Kriminali, dak li tghid il-gurisprudenza u dak li jghid Sir Anthony Mamo fir-rigward ta' dawn id-disposizzjonijiet u anke dak li jghid il-gurist Taljan Luigi Majno citat mill-prosekuzzjoni, jista' jigi facilment dedott li ghalkemm ir-regola generali hi li l-età tax-xhud ma hijiex ta' ostakolu ghall-kompetenza tieghu, sabiex ix-xhieda ta' dak ix-xhud tkun tista' tittiehed in kunsiderazzjoni mill-Qorti, in kwantu moghtija minn xhud kompetenti, certi kundizzjonijiet fundamentali jridu necessarjament jirrizultaw.*

*Dawn huma:*
*1. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li nonostante l-età tax-xhud, huwa jifhem li huwa skorrett li tinghata xhieda falza;*
*2. Ix-xhud ghandu jifhem u jaccetta l-obbligazzjoni tal-gurament. Fl-eventwalità li l-Qorti ma tkunx konvinta li x-xhud qieghed jifhem din l-obligazzjoni u l-Qorti thoss li x-xhieda tax-xhud hija importanti, ghandha tiddifferixxi l-kawza ghal gurnata ohra;*
*3. Ix-xhud ghandu jinghata l-gurament u ma tista' tinghata ebda kunsiderazzjoni ghal xhieda moghtija minghajr gurament;*

Illi, kif ġie ritenut aktar il-fuq, meta l-Maġistrat kienet ser tibda tezamina lill-minuri hija kienet sodisfatta li din l-istess minuri kienet fehmet li huwa skorett li tagħti xhieda falza u filfatt ipproċediet sabiex tisma' dak li kellha xi tgħid il-minuri. Għaldaqstant, *Omissis* hija xhud ammissibli u kompetenti ai termini tal-liġi nostrana,

u x-xhieda mogħtija minnha għandha tittieħed in konsiderazzjoni meta wieħed jannalizza l-assjem tal-provi prodotti.

**2. <u>It-Tieni Aggravju</u> – Apprezzament tal-Provi da parti tal-Ewwel Qorti**

Illi, it-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali jirrigwarda propju l-mertu tal-proċeduri odjerni;

Illi, l-Ewwel Qorti ikkonkludiet li *"...ma jistgħax jitqies li kien hemm konsistenza f'dak li rrizulta waqt il-videoconference, qabel u wara jew li jista' jitqies li minn dak li qalet wieħed jista' jikkonkludi fuq livell ta' kull dubju dettat mir-raġuni li kien hemm xi forma ta' abbuz sesswali li sar fuqha mill-imputat"*;

Illi, ir-rikorrent assolutament ma jaqbilx mar-raġunament tal-Ewwel Qorti u jemmen li mill-provi prodotti f'dan il-kaz, *Omissis* kienet dejjem konsistenti fil-verzjoni tagħha li l-appellat kien abbuza minnha sesswalment;

Illi, dan it-tieni aggravju jittratta propju l-mertu tal-kaz in kwistjoni u għalhekk a skans ta' dilungar u repetizzjoni zejjed, l-esponent prinċipalment izomm ferm ma' dak li jirrizulta mill-provi traskritti fl-Atti Proċesswali, u li ser jerġgħu jiġu indikati waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat;

Illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, l-Ufficjal Prosekutur prezenta fedina penali, stqarrija tat-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), Dikjarazzjoni ta' rifjut tad-dritt li jikkonsulta ma' Avukat jew Prokuratur Legali datata l-erbgha (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), zewg stqarrijiet datati l-erbgha (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), stqarrija tal-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) u certifikat tat-twelid tal-imputat. Gew prezentati certifikati medicini tal-akkuzat mid-difiza u anke mill-prosekuzzjoni. Id-difiza prezentat dikjarazzjoni ta' omm l-imputat dwar fejn ikun jirrisjedi l-imputat jekk tintlaqa' t-talba ghal helsien mill-arrest.

Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet **Amanda Pocock**, LSA l-iskola *Omissis*. Qalet li din is-sena ghandha studenta wahda *Omissis* li ghandha tmien (8) snin, tghid li tkun maghha fil-klassi hlief fil-break ta' kwarta li tkun ma' LSA ohra. Ila maghha minn Ottubru li ghadda u dejjem imxiet hafna 'l quddiem fl-edukazzjoni taghha. Tghid li minn Novembru innutat certu affarijiet li kienet taghmel il-minuri li hi assocjathom mal-kundizzjoni taghha. Staqsiet LSAs li kellha qabel u qaltilha li kienet taghmel certu affarijiet, tuza xi lingagg, '*rude words*', kienet gieli tmiss l-partijiet taghha, iddahhal idejha fix-shorts, tghidilha idejk fejn suppost qeghdin u kienet tohroghom. Tghid li kienet tassocjahom mal-kundizzjoni. Xehdet li lejn nofs Frar l-affarijiet ziedu imma xorta kienet tahseb li parti mill-kundizzjoni, jigifieri l-istess iddahhal idejha imma ziedet. Fi kliem din ix-xhud '*Bdiet tirreferi jekk tara stampa ta' tifla u tifel nghidu storybooks tat-tfal kienet il-hin kollu tindika jekk huwa tifel tghidlu ara sormu, ghandu sormu. Il-hin kollu qisha ghandha fissazzjoni trid tirreferi ghal genital ta' x'jismu ta' tifel*'. Spjegat '*Imbaghad bdiet izzid ukoll li per ezempju barra ddahhal idejha fil-qalziet kienet ixxomm idejha jew inkella tilghaq subghajha. Ukoll fil-kotba per ezempju kienet tghidli ara ghandu sormu u... u kienet bdiet tilghaq il-ktieb jigifieri fejn indikat. Imbaghad li gara li ovvjament xorta kont ghadni nahseb forsi l-kundizzjoni. Imbaghad darba minnhom waqt il-lezzjoni tal-PE kien hemm il-cones tal-PE dawn li nuzaw ghal hurtles u konna qeghdin mhux jiena biss kien hemm kien hemm ovvjament LSA's ohrajn li kienu koncernati u l-cone bdiet taqbadha u bdiet tipprova ddahhalha fil-parti taghha jigifieri b'certa mossi jigifieri terfaha. U kien ovvjament xi haga li bdiet tinkwetana iktar*'.

Spjegat li l-minuri ghandha ll-kundizzjoni ta' Down Syndrome, spjegat li '*gieli huma hyper sexual, gieli jaghmlu certu affarijiet li jistghu jkunu parti mill-kundizzjoni fejn diga' kellna kaz iehor fil-passat u it was just part of the condition*'. Spjegat '*imissu l-parti taghhom jigifieri tigbdilhom l-attenzjoni biex minghajr ma taghmel hafna fuss tghidilha nehhi jdejk, idejk fejn suppost qedghdin u x'suppost qed taghmel bhal issa suppost qed tikteb*'. Spjegat li dakinhar tal-PE peress li kienu LSA ohra u anke tfal rawha u kien hemm anke teacher ohra, ssugerewla li dakinhar stess tkellem lil headmistress fuq dan l-episodju. Tghid li marret dak il-hin stess u nfurmatha b'li gara. Tghid li l-counsellor kellmet lit-tifla. Tghid '*She just spoke to her roughly per ezempju min jghix id-dar, min huma n-nies li jghixu d-dar. Ma saqsietha xejn partikolari*'.

Spjegat li '*minn meta kellmitha l-Counsellor baqghu sejrin l-istess bhal qabel jigifieri li tmiss hemmhekk sa kemm darba giet l-iSkola t-tifla u kienet mugugha. Jigifieri dahlet fil-klassi, kielet naqra lewz dakinhar, kienet agitata u l-hin kollu tghidilna qeghda mugugha, qeghda mugugha rrid immur id-dar, qed jugghani sormi, qed jugghani sormi.*' Mistqsija ghamlitx xi mossa jew xi haga qalet '*Le nizlet, kienet qeghda tinzel kokka mal-art fil-klassi. Jigifieri t-tfal bdew jisimghuha tghid dan il-kliem. U kienet dehret mugugha*'. Tghid li hasbet li kienet konstipata peress li kielet ammont kbir tal-kewz l-iSkola u t-Teacher batitha t-toilet. Tghid li sakemm kienet it-toilet kienet ghadha tghajjat. Sjegat li '*Jiena fil-kuritur noqghod kont qed nitkellem ma'' zewg LSA's ohra li bdew jisimghuha tghajjat u gew jaraw x'gara ghalfejn qed tghajjat ajma sormi u rrid immur id-dar. Wahda mill-LSA's li kienet l-LSA ta' qabel jigifieri qalti ghajtilha naqra biex meta tohrog saqsiha fejn qed jugghaha ghax jiena kont ghadni nahseb li constipated. U x'hin harget l-LSA l-ohra qaltilha fejn qed juggghuk ezatti u bdiet tmiss quddiem. Hawn, hawn qed jughhani. U jien staqsejtha waqajt imma, weggajt ? U ma rrispondietx baqghet tghidli qed jugghani sormi, qed jugghani sormi cempel lil mamma ha mmur id-dar. Fil-fatt kien dak il-hin stess wahda mill-LSA's stess qaltli mhux qed tigi abuzatha hudha l-office issa. U dak il-hin jigifieri nizziltha l-office u kien hemm Miss Marion Cutajar, miss Marion kien hemm dak il-hin. U x'hin ratha qaltilha t-tifla bdiet tghidli ha ncempel id-dar qed jugghani sormi, qed jugghani sormi. U kienet tinzel mal-art jigifieri dehret mugugha. u Miss Marion qaltilha ma nistghux incemplu d-dar ghal xejn qaltilha fejn qed jugghuk sormok ? U ndikat fejn ghax bdiet turi quddiem*'. Kompliet tixhed

'*Ehe l-parti taghha. Ghax hi kienet qeghda kokka u dakinhar jigifieri bejn diga*' kien *qed jidher il-qalziet ta' taht kienet qed tippontha hemmhekk. Imbaghad qaltilha Miss Marion kif qed jugghuk hemmhekk ? Qaltilha ghaxx dahhalli xabla Omissis dahhalli xabla. Bdiet sejra dahhalli hekk*'

Kompliet tixhed '*Imbaghad .....dak il-hin ma fhimtiex mill-ewwel xabla hsibtha, ghax hi ma titkellimx car.... u l-Assistent Head qaltilha x'dahallek u fehmitha. Qaltilha xabla qaltilha din tkun kbira, qaltulha din tkun hekk ix-xabla qisha qed tindikalha mal-hajt. Qaltilha le daqshekk tkun ix-xabla. U mbaghad ma nafx min qal jekk hux Miss Marion jew l-Assistent Head qalulha fejn tkun din ix-xabla ? U l-istess bdew jindikaw mal-hajt biex forsi t-tifla tghid per ezempju bhal meta jkun hemm god-dar decoration u qalet le hekk tkun ix-xabla*'.

Kompliet tghid '*Imbaghad minn hemmhekk Miss Marion cemplet biex tipprova titkellem mal-omm. Fil-fatt fitxitli t-telephone number tal-omm biex meta tigi forsi tipprova tkellimha u tara x'gara pero' mhux l-omm kienet gie, kien gie missier Omissis ghaliha allura ma setghetx qisha, ma hassitiex komda li titkellem fuq x'seta' gara. Qisha hassitha iktar komda kieku mal-omm.*' Ix-xhud qalet li l-missier jismu Omissis li indikatu fl-awla bhala l-imputat.

Kompliet tixhed li '*xi granet wara meta mbaghad Miss Marion kienet cemplet, Omissis kienet regghet ikkomplejnjat naqra fuq l-ugigh u Miss Marion kienet cemplet biex isirilha test mic-children's services biex titlob ghal urine sample u forsi jezaminaha Tabib biex inkunu nistghu nimxu minn hemm.*'

Xehdet ukoll li '*Minn meta ikkomplejnjat mill-ugigh qatt ma regghet semmiet Omissis la xabla just behaviur ta' qabel jigifieri idahhal idejha, kienet darba minnhom ghamlitha meta kienet giet, dan f'Novembru qed nghid meta kienet giet l-ispeech therapist l-iSkola kienet ukoll ghamlitha din il-bicca xoghol li dahlet idejha gol-qalziet u jien ghidtilha anki fil-klassi taghmilha. Qatli ehe qalti huwa behaviur, dan nghidulu verbal behaviour ta' tfal b'down syndrome li ddahhal idejha fil-qalziet.Allura qisu dakinhar dak iz-zmien kont qisu serraht mohhi li kif kont qed nahseb behaviour tipiku*' Mistoqsija kif il-minuri tirreferi ghal

genitur taghha tghid '*Lil mummy tghidilha mama gieli ssemmi Omissis ukoll b'isimha u l-papa taghha tghidlu Omissis*'.

In kontro-ezami, mistoqsija dwar certifikat ta' tabib li ddikjara li kellha gass u ma kellha xejn minn dan kollu, wiegbet li ma tafx bih ghax imur dritt ghand it-teacher. Dwar LSAs tghid li ma tistax tirrispondi ghaflejn ma rrapurtawx ta qabel, tghid li hi ikkomunikat ma' LSA ta' qabel ghal behaviour li kienet taghmel kinitx taghmlu qabel u nfurmata li kienet. Mistoqsija dwar meta rraportat li l-minuri kellha '*nits*' f'xaghra tghid li mhux hi iccekjat xaghra izda t-tifla kienet thokk u kellha hafna tikek bojod, tghid li l-genituri mbghad jiccekjaw.

Mistoqsija wara li gie arestat is-Sur *Omissis* kelliex komunikazzjoni mal-mara tghid li le fl-ebda hin u lanqas mal-minuri peress li ma reghhetx giet skola.

Fl-istess seduta tas-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet **Marion Cutajar**, Head of School *Omissis*. Tghid li t-tifla ngabet l-office u qalulha ara din it-tifla x'inhi tghid u taghmel, qaltilha li t-tifla kienet qeghda kokka mal-art u bdiet tghid li mugugha hafna u bdiet tghidilha cempel lil mummy ghax mugugha din it-tifla. Xehdet '*U bdiet tghid ghax dahluli xabla fil-private body parts basically.*' Tghid li bdiet tuza il-*kelma* '*qed jugghani sormi*'.. '*Ghax dahluli xabla*'. Tghid li kienet kokka u bdiet tindika l-parti ta' quddiem taghha.

Kompliet tixhed li '*Ta' quddiem ehe u bdiet tghidli cempel lil mummy, cempel lil mummy. U jiena bdejt nghid din it-tifla lanqas taf x'inhi xabla, taf kif I mean qisha ghadha tifla zghira u bdejt nghid xabla jien kif jista' jkun possibli ? U ghidtilha xabla kif tkun jiena ? Qaltli u ejja Miss Marion ma tafx kif inhi xabla ? Cempel lil mummy ghax mugugha, mugugha. U jien qisni dak il-hin spuntanjament kelli karta fl-office u pingejtilha balloon. Ghidtilha hekk tkun xabla? Biex nara naqra l-concept tat-tifla ta' xabla x'inhu. U hija qaltli mhux hekk tkun. U haditli l-biro minn idejja u pingietli hi x'tifhem biha xabla. U obviously it was something pointed with a handle. Imma jien dejjem qisni ma bdejtx nemminha, ghidtilha xabla Omissis. Anke bdejt inhares lejn min gabha fl-office ghidtilha bhal speci din tkun xi*

*haga kbira hafna taf kif. Imbaghad qaltli le mhux kbira daqshekk. U ghidtilha bhal speci xabla ma tkunx daqshekk. Anyway biex naqta' l-istorja ghidtilha all right hi ha ncempel lil mummy. U t-tifla vera smart tatni n-number tat-telephone jigifieri tfal ta' dik l-eta' gieli anke ikbar minnha gieli qas ikunu jafu n-number tat-telephone. Qaltli toqghodx tfittxu cempel lil mummy, cempel lil mummy..*' Tghid li cempet lil ommha u qaltilha li t-tifla mugugha biex jghidulha x'se taghmel ghax riditha ccempillha u qaltilha li se jigu ghaliha, u gew ghaliha. Tghid li '*imbaghad wara min gabha l-office ddiskutejna u anke minn ghadda mill-office qalli dan kaz li nirrapurtaw. U ma nafx nistax insemmi li t-tifla ghandha special condiiton u jien ghidtilhom*'.

Spjegat li '*It-Tifla she is a down syndrome u kellna kaz wiehed qabel fejn irrapurtajna u t-tifla kienet down syndrome. U qalulna kazijiet hekk taqbdux u tirrapurtahom ghax dawn it-tfal obviously they have limited intelligence, they may be imaginative and creative more than other children. They have their sexual inhibitions are not like normal children u jien ghidtilhom u le ma nirrapurtawx ghidtilhom ghax tafu x' gara u x' qalulna l-Appogg il-kaz l-iehor. Ghidtilhom li ha naghmel ha nkellem lil Counsellor u niehu parir. Is-soltu ghandna instruction li malli tifla ssemmi mqarr kelma wahda fuq abbuz ahna nirrapurtaw mill-ewwel imma f' dan il-kaz kif ghidtilkom. U kellimt lil Counsellor. U l-counsellor qaltli no Miss Marion qaltli tirraporta mill-ewwel. Ghidtilha sorry m'hiniex ha nirraporta ghidtilha ghax bir-rispett lejn Mr Omissis dawn huma nies li ahna jkollna relazzjoni maghhom taf kif u jiena qatt ma rajt xejn hazin minnhom. Allura essagg thossok naqra guilty li tirraporta. Ovvjament ghandna instructions li lilhom ma nghidulhom xejn, xejn lil parents.....*'

Spjegat ukoll '*U l-counsellor qaltli trid tirraporta mill-ewwel. U jien again ghiditlha no ghidtilha b'telephone mhux b rapport. Ghax is-soltu nikteb ir-rapport u nibghatu. Ghidtilha no ghidtilha hu pacenjza ha ncemplu. U cempilt u qaluli ghid lil counsellor tkellem lit-tifla qabel tikteb ir-rapprt. U l-counsellor xorta qisha tkun qed tirrezistina qaltli no x'igifieri nkellem lit-tifla ? Qaltli inti taf li nirrapurtaw mill-ewwel. Ghiditlha ara ghax imbaghad qisni bdejt nirrabja. Ghidtilha hu pacenzja cempel inti l-Appogg u hu l-instructions minghandhom. U cemplet l-Appogg u minghandhom haditha speci li kellha tkellem lit-tifla hi. Kellmet lit-tifla mhux fil-prezenza tieghi, kellmet lil Appogg mhux fil-pezenza tieghi u qaltli Miss Marion l-Appogg tawni nirraporta ghax ir-rapport jiena rrid naghmlu. Jghiduli*

*xi rrid nirraporta u nirraporta jiena.*' Tghid li kellmet lil Appogg u qalulha li r-rapport irid isir. Spjegat li '*Ir-raport ma ktibtux jien is-soltu jiena niktibhom ghax ma nhobbx la nkun ha niffirma jiena nkun irrid li niktbu jiena. Imma nqbadt b'hafna xoghol u kitbuh imma jiena qbilt ta' jigifieri.*'

Xehdet ukoll li '*Obviously we were very concerned.*' Tghid li gew tal-Appogg ikellmu lit-tifla bil-procedura normali mhux fil-prezenza taghha u li wara gew il-Pulizija jiehdu t-tifla. Tghid li qatt ma kellhom kaz hekk. Spjegat li '*Jiena qatt ma kellna kaz hekk. Jigifieri avvolja ktibt xi 7 rapport f'hajti qatt ma jkollna feedback mill-Appogg fuq il-kazijiet. Allura jien dan ghalija kien iehor, ahna ssumejna li forsi t-tifla peress li ghandha hutha ikbar minnha jista' jkun li kienet esposta ghal xi kliem jew xi films taf kif.*'

Dwar meta gew il-Pulizija qalet ukoll li '*It-tifla qaltli bye Miss Marion. U jiena rajtha sejra she was happy, kienet trankwilla u hekk, quddiem ma tkellmux fuq il-kaz ta jigifieri just pruvaw jaghmlu hbieb maghha qabel johduha*'.

Dwar id-diskors li qalet it-tifla spjegat li '*Hi kienet grouching hekk qed izzomm il-parti taghha qaltli ajma sormi x'jugghani ghax dahluli xabla. Ghax Omissis dahhalli xabla.*' Spjegat '*Issa jiena ma kontx naf min hu, jiena l-ismijiet meta ncempel lil parents jiena nuza minhabba l-hafna cirkostanzi li ghandna nghidilhom inti l-mama ta' Omissis jew inti l-papa ta' Omissis. Jigifieri jiena ma kelliex idea l-isem ta' min hu jew ghal min qed nirreferi...*' Mistoqsija tafx min hu missier il-minur wiegbet '*Dejjem kont qed nassumi li s-Sinjur imma issa milli smajt in the meantime qed nifhem ili hemm xi storja illi ma nafiex*'. Hi indikat lill-imputat bhala dak li kienet tahseb li hu l-missier. Tghid li hi cemplet lil omm il-minuri meta qalet li kienet mugugha. *Spjegat* '*Bhal ma naghmel dejjem anki ma' parents ohrajn. U mbaghad l-Appogg darba minnhom qaluli cemplilha u ghidilha tohodha ghand it-Tabib biex jiccekjaha l-private body parts taghha. U jiena again l-instructions li ghandi bhala Head huwa li qatt ma navvicina, li qatt ma nghid lil parents li hemm minhabba contamination of evidence li qatt ma ninsinwa li hemm suspett ta' abbuz. Allura jiena lil omm it-tifla ghidtilha ha nghidlek ghidtilha gibtilna ftit certifikat li jiccekjaha Tabib. U qisni biex ma ninsinwa xejn ghidtilha ghax jekk ghandna infection fil-private body part kif gieli*

*kellna tfal irridu ntuhom toilet ghalihom..'* Spjegat li '*Dakinhar jiena ma cempiltx biex jigu ghaliha pero'* *s-Sinjur gie mill-ewwel ghaliha. U jien ghidtlu jahasra ghidtlu ghalfejn gejt ghaliha ? Qalli mhux inti cempilt lil mara biex nohduha ghand it-Tabib. U jien ghidtlu le mhux biex tigu ghaliha imma jahasra ghax illum m'hiex mugugha. Meta Social Worker qaltli biex incemplilha that day she wasn't in pain.'* Spjegat izda li peress li jigu mill-boghod u ma kienx kmieni hafna qaltlu li jekk jixtiequ jiehduha. Tghid li sa fejn taf hi ma giex ic-certifikat. Tghid li minn dakinhar it-tifla falliet hafna. Tghid li qaltilha li hadditha u t-tabib qalilha li ghandha zaqqa tughha mhux kif qalet hi. Spjegat '*Mhux infection ghax is-Social Worker at one point qisha insinwat li jiena ghidtilha she was being abused ghalhekk hemm miktub fir-rapport mhux kif ghidt inti. Imma as far as i know mhux kif ghidt jiena ghal fatt li mhux infection jigifieri m'hemmx ghalfejn toilet differenti*' Gie prezentat rapport mill-prosekuzzjoni mmarkat bhala dok MC 1 li sar referenza ghalih. Ix-xhud prezentat ukoll li pingiet il-minuri, li pingiet bit-telephone number ta' ommha u meta ix-xhud pingiet il-ballun u hi pingiet xabla. Irreferiet ghal tpingija ta' nuts li kielet gurnata qabel, li mhijiex certa minn pingihom.

Spjegat li l-LSA qaltilha jekk jista' jkun qed tugaghha l-private body parts ghax kielet hafna nuts. It-tifla qalet le u baqghet tghid xabla, tghid li rrepetietha quddiem nies ohra ghaddejin u qabel gew l-ofice kienet ila xi jumejn jew tliet dan dan il-kliem li mugugha u twerzaw fit-toilet. Tghid li '*Jigifieri qishom hafna nies semghuha fl-iSkola li ma kinitx qeghda tagixxi normali l-ahhar 2 days. U lanqas qabdu u gabuha mill-ewwel fl-office.*'.

Spjegat ukoll li '*Qishom in-nies bdew jaghmlu pressure fuq l-LSA taghha isma' hudha l-offfice ghax dan irraporta ma jmurx tigi abbuzata. Kien hemm dan it-tip ta' pressure building up over the 2 days minhabba agir li kienet qed taghmel it-tifla. Ghax fil-PE lesson dan milli smajt issa ma rajtux jiena. Li ghidt s'issa rajtu jiena b'ghajnejja jigifieri li gej issa. Li per ezempju fil-PE lesson bdiet tikxef tgholli d-dublett u tnizzel il-qalziet u turi l-private body part taghha, tpoggi bilqeghda fuqu feet apart. Qisni smajt li kienet qed taghmel dawn il-mossi li kulhadd beda jghid huduha l-office, huduha l-office din it-tifla taf kif ghax mhux affarijiet normali li normali taghmel.*'

In kontro-ezami dwar il-missier xehdet li qatt ma gewha suspetti ta' xejn. Spjegat li '*ma nistax nghid ta li qatt wera xi haga li jigini xi suspett li mhux papa li jiehu hsieb it-tifla.*' Dwar ic-certifikat tghid li qatt ma gie f'idha. Spjegat '*Jiena ma rajtux pero' biex inkun fair jiena qaluli poggewuli fuq id-desk meta kjont imsiefra',* tghid li fittxitu izda ma sabitux u ghalhekk hemm jumejn li huma uncertified. Ikkonfermat li qalulha li hallewla envelope. Hi spjegat il-procedura meta jingib certifikat l-iskola. Tghid li l-Assistent Head qaltilha li l-omm taghta envelope, hi ma fethitux ma tafx x'kien hemm gol-envelope.

Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet ukoll **Erica Farrugia,** LSA *Omissis*. Qalet li meta kellhom lezzjoni tal-PE kienu klassi tal-year 4 kien hemm il-PE teachher maghhom ukoll u Amanda li hija LSA ta' *Omissis*. Qalet li l-PE teacher kienet lestiet il-cones fil-yard biex jaghmlu activities tal-PE. Tghid li hin minnhom *Omissis* qabdet cone minnhom u ghamlitu fil-parti taghha bil-hwejjeg fuqha, ma nehietx il-hwejjeg. Qalet '*U ghamlet certu mossi li dak il-hin ahna rajnihom mhux normali ghal tifla ta' dik l-eta*'' Qalet '*Li bdiet tressaq il-cone vicin u 'l boghod minnha li inti dak il-hin jghaddilek minn mohhok l-att sesswali.*' Tghid li '*gieli smajtha tghid kliem li jkun kliem pastaz. Ovvjament meta nisimghuha tghid hekk ahna nikkoreguha*'.

L-**Ispettur Paula Ciantar** fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet li hi qieghda fis-sezzjoni tal-Vice Squad tal-Pulizija. Xehdet li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April ta' din is-sena kien dahal rapport mill-Appogg fejn kienu nfurmawhom li hemm tifla minuri ta' tmien (8) snin li jisimha *Omissis* li l-Appogg stess gie riferut kaz lilhom mill-iSkola *Omissis* fejn infurmawhom dwar xi tip ta' sexualised behaviour li kienet qed turi t-tifla. Spjegat li wara li giet mitkellma t-tifla mill-iSkola din indikat li seta' kien sar xi abbuz sesswali. Spjegat li '*Meta jiena saqsejt lil tal-Appogg x'tip ta' sexualized behaviour bdiet turi dawna bdew jghiduli li t-tifla bdiet tghid lil tal-iSkola li certu Omissis kien dahlilha xabla fil-parti taghha u bdiet taghmel mossi b'subghajha fil-parti genitali taghha.*'

L-Ispettur Ciantar spjegat li tkelmu mal-Appogg, ikkuntatjaw lil-Magistrat tal-Ghassa ta' dakinhar Dr Claire Stafrace Zammit fejn hatret inkjesta u hatret ukoll lil Carmen Sammut u lil Dr Mariella Mangon sabiex jinviztaw lit-tifla. Tghid li ma kellhomx informazzjoni Omissis min seta' kien. Tghid li ma kellhomx indikazzjoni mill-ewwel jigifieri li dan Omissis kien il-partner ta' omm il-minuri u li kien qed jghix fl-istess residenza. Tghid li ghamlu appuntament mal-Court experts sabiex ikun jista' jigi stabbilit dan il-fatt. Tghid li wara ftit tal-hin wara li sar dan kollu giet infurmata mill-Appogg fejn ikknfermawla li fil-fatt il-minuri kienet qed tghix fl-istess residenza ma' dan is-suppost aggressur u gie kkonfermat li dan Omissis kien fil-fatt il-partner ta' ommha. Tghid li minn hemm gabu mandat ghall-arrest ta' *Omissis* u fit-tnejn (2) ta Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) ghaddew ghall-arrest tieghu. Tghid li haditlu l-ewwel stqarrija u ghazel li jkellem l-Avukat Dr Sciriha. Hi gharfet il-firma taghha flimkien ma' tas-surgent Lydon Zammit fejn is-Sur *Omissis* ghazel li ma jiffirmax l-ewwel statement. Tghid li s-Sur *Omissis* nnega l-allegazzjonijiet li qed isiru fil-konfront tieghu. Qalet li qalilha li l-minuri ma kinitx taf affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mas-sess. Tghid li semma wkoll li minhabba l-fatt li omm il-minuri *Omissis* tahdem, huwa s-soltu jigborha mill-Iskola u jiehu hsiebha hu. Qalet li filghaxija s-Sur *Omissis* ilmenta dwar ugigh f'sidru ghalhekk minnufih haduh il-policlinic u rrefewh l-Isptar sabiex ikun jista' jircievi l-kura necessarja li kellu bzonn. Tghid li meta zammewh l-isptar tawh police bail biex ikomplu jinvestigaw ghal darb'ohra. Tghid li nghata zmien biex jrkupra l-isptar Mater Dei, regghaw arrestawh u gie l-ufficju fl-erbgha (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), regghu tawh id-drittijiet tieghu mill-gdid b'referenza ghad-dikjarazzjoni a fol 16 u ddecieda li ma jkellimx Avukat. Tghid li din l-istqarrija s-Sur *Omissis* ghazel li ma jiffirmahiex lanqas. Tghid li ttiehed statement iehor u kien prezenti maghha Bradley Hili PC 1017. Tghid li l-ghada regghet kelmet is-Sur *Omissis*. Tghid li ghazel li jiffirma l-istatement ukoll fejn qabel ma kienx qed jiffirma l-istatement. Spjegat li meta l-Appogg irreferew l-kaz infurmawhom ukoll li t-tifla *Omissis* ghandha l-kundizzjoni Down Syndrome.

Mistoqsija mill-Qorti x'kien ir-raguni li ghazlet li ma tistenniex il-konkluzjonijiet tal-inkjesta, wiegbet li '*minhabba hawnhekk kellna kaz daqsxejn antipatku pero sensittiv fl-istess hin. Ghandna persuna nafu li hija tbaghti minn kundizzjoni down syndrome. Minhabba l-eta' taghha kif ukoll il-kundizzjoni konna nafu li hija persuna vulnerabbli, forsi daqsxejn izjed minn tfal ohra. Irrikonoxxejna l-fatt li kien hemm emminenza li niehu certa azzjoni minhabba l-fatt li hi issa kellna konferma li l-allegat aggressur kien qed jghidx fl-istess residenza mal-minuri u ghalhekk il-prijorita' taghna kienet at the end of the day illi nassiguraw il-well being tal-minuri*'.

Tghid li fil-*birth certificate* mhuwiex imnizzel bhala l-missier pero' hu qalilhom li t-tifla tieghu. Tghid li *nfurmahom 'li waqt li hafna miz-zmien li kien iqatta' mat-tifla kien iqatta' hafna nies maghha minhabba li hu ma kienx jahdem u li allura kienu jiehu hsieb, il-bicca l-kbira tal-hin kien jiehu hsieb lit-tifla waqt li l-omm kienet tkun ix-xoghol. Ahna meta affacjajniha bl-allegazzjonijiet ovvjament huwa nnega dawn l-affarijiet, innega l-allegazzjonijiet. Apparti minn hekk meta saqsejnih forsi for the benefit of the doubt ahna ovvjament m'ahiex, il-pulizija tinvestiga qeghda rajna jekk kienx hemm il-possibilta li setghet giet esposta ghal xi jew pornografija jew xi haga ohra li setghet forsi din it-tifla hadet idea ta' dawn l-affarijiet pero' hu semmielna li ma jafx li kien hemm, li ma kienx hemm*' Tghid li kelmet lil omm il-minuri li '*Qaltilna l-istess illi Omissis ma kienx jaghmel dawn l-affarijiet kieku, li kien jiehu hsieb lit-tifla tieghu. L-istess meta saqsejniha jekk kienx hemm il-possibilta li t-tifla setghet rat xi affarijiet qaltila li ma jistax ikun, li tilghab loghob, veru li tilghab loghob fuq il-laptop, semmitilna xi loghob li tilghab it-tifla pero' saqsejna ukoll minhabba l-fatt li, minhabba l-allegazzjonijiet saqsejniha jekk forsi kien hemm xi attivita sesswali li setghet it-tifla kienet esposta ghalihom jew li setghet rat, meta t-tnejn kemm Omissis kif ukoll l-omm Omissis ikkonfermawlna li qatt ma kellhom x'jaqsmu fil-prezenza tat-tifla jew li t-tifla tkun rieqda waqt il-hin li kellhom x'jaqsmu kif qaltilna l-omm.*' L-Ispettur ikkonfermat li l-esperti nominati fl-inkjesta raw lit-tifla. Qalet li nfurmata li Dr Mariella Mangion invistatha diga u li Dr Carmen Sammut qieghda ssegwiha.

In kontro-ezami qalet li ma nterrogatx lil omm il-minuri izda intervistata, tkellmet maghha. Tghid li li dwar ir-relazzjoni qalet li l-omm qalet li ghandha relazzjoni tajba ma' missierha, tghid li semmiet li thobbu lil missierha. Qalet li s-Sinjura

kompletament innegat il-fatt li *Omissis* seta' ghamel dan. Ikkonfermat li qaltila li qatt ma rat ghajn hazina minn dan vis-a-vis it-tifla. Tghid li giet infurmatha li kellu xi ugigh is-Sur *Omissis* u ghal xi zmien ma setax jahdem. Qalet ukoll li '*There is no doubt illi s-Sur Omissis jiehu hsieb lit-tifla jigifieri u li huwa ddedikat*'.

Fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet **Graziella Abela** f'isem ir-Registratur tal-Qorti u esebiet process verbal bin-numru 413/2016 dwar allegat attivitajiet sesswali u korruzjoni ta' minorrenni fuq il-persuna ta' *Omissis* ta' tmien (8) snin, redatt mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit u maghluq fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016). Dan hu mmarkat bhala Dok GA1.

Fis-seduta ta' nhar l-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet il-minuri ***Omissis*** bil-procedura tal-Video Conferencing. Hija ghandha tmien (8) snin. Tikkonferma li taf xi jfisser li taghmel '*pinky promise*' u tikkonferma li se tghid il-verita. Tghid li qieghda junior four (4) u semmiet lil Miss Amanda. Tikkonferma li tiehu gost l-iskola. Qalet li '*Simon inhobb jiena, lil Simon.*' Tikkonferma li Miss Marion il-headmistress. Mistoqsija jekk thobbx tmur tghum wiegbet li le, issemmi '*Simon li trid taghmel, Simon*' u li '*Simon inhobb jiena.*' Mistoqsija mill-Qorti x'ithobb wiegbet '*Simon*'. Qalet '*Inhobb lil Simon ha naghmlu party*'. Mistoqsija minn joqghod id-dar, tikkonferma li ma ommha u Anna. Tghid li '*Le m'ghandix malja*'. Wara li l-Qorti staqsiet diversi drabi min joqghod id-dar, wiegbet ukoll 'Omissis'. Mistoqsija fejn torqod, tghid li ghandha sodda kbira. Tghid li thobb ix-xoghol. Issemmi diversi drabi lil '*Simon*'. Mistoqsija jekk kbira jew zghira s-sodda, l-ewwel tghid zghira umbghad kbira. Mistoqsija minn jorqod fiha, tghid li hi. Mistoqsija jekk ghandhiex teddy bear jew pupa torqod maghha, qalet le. Mistoqsija thobbx tinhasel, qalet iva. Mistoqsija tinhasilx wahedha tghid '*Sormi barra.*' Mistoqsija tinhasilx wahedha, wiegbet li iva. Mistoqsija '*Jigifieri tihdol fil-bathroom wahdek? Fil-kamra tal-banju wahdek?*' wiegbet '*Ijja.*' Mistoqsija '*Biz-zarbun tinhasel*?' wiegbet '*Iwa*'. Mistoqsija '*Omissis isma' meta jkollok secret lil min tghidhom is-secrets?*' Wiegbet '*Ix-xoghol, ix-xoghol.*' Mistosija jekk ghandhiex habiba l-iskola wiegbet '*Shh, shh issa ghandu l-iskola*

*issa johodni x-xoghol ghax jigi x-xoghol mieghi? U le...*' Mistoqsija tilghabx l-iskola wiegbet Iwa, u li bit-toys, mistoqsija ma' min tilghab tghid doctor. Semmiet ukoll noli. Mistoqsija mill-Psikologa C. Sammut '*Mai, mai all right, u l-iskola wkoll tilghab b'dawn l-afrijiet?*' Wiegbet '*Shh u widnejja, zaqqi.*' Mistoqsija diversi drabi ma min tilghab noli wiegbet '*Austin*'. Mistoqsija diversi drabi min hu Austin, qalet '*Josef*'.

Mistoqsija x'tilghab l-iskola mela, wiegbet '*Iz-zobbi, (kliem ma jinfthiemx) biz-zobbi hemmhekk.*' Mistoqsija mill-Qorti '*Tilghab b'hemmhekk?*' wiegbet '*Iwa.*' Mistoqsija mill-Psikologa C. Sammut '*Fejn l-iskola tilghab hemm?*' wiegbet '*Le*', mistoqsija fejn, il-kliem ma jinftiehemmx u meta mistoqsija '*Iva 'taghmel hemmhekk?* Wiegbet '*(Kliem ma jinfthiemx) sormi (Kliem ma jinfthiemx).*' Qalet ukoll '*Ghax hu jhobb.*' Mistoqsija mill-Psikologa C. Sammut '*U tilghab hekk jigifieri?*' wiegeb '*Isma' jhobb ix-xoghol hemmhekk, hemmhekk (kliem ma jinfthiemx) iqum (kliem ma jinfthiemx), eh?*' Mistoqsija diversi drabi '*Ghalfejn qed turina l-panty?*' '*Ghalfejn qed turina hekk?*' wiegbet '*Ghamili (kliem ma jinfthiemx)*' Mistoqsija '*X'ghamillek? Le toqghodx tnizzel il-panty. X'ghamillek?*' wiegbet '*Sormi.*' Mistoqsija '*Min ghamillek hekk min?*' wiegbet '*Omissis.*' Mistoqsija '*U x'ghamillek Omissis?*' wiegbet '*Xejn m'ghamilli.*' Mistoqsija '*..Omissis min hu Omissis?..*' wiegbet '*Hawn*'?, mistoqsija '*Omissis min hu?* bdiet tghid '*qum*'. Mistoqsija diversi drabi '*Min hu Omissis Omissis?*' wiegbet '*(Kliem ma jinfthiemx) zobbi.*'. Qalet ukoll '*(Kliem ma jinfthiemx) panty, qallha le tinza' l-panty, ha tinzghu.*' Mistoqsija '*Ghalfejn ha tinzghu le, ghalfejn ha tinzghu l-panty ghalfejn ha tinza' l-panty?*' wiegbet '*(Kliem ma jinfthiemx) jien nurih sormok.*' Il-Qorti qaltilha '*Le nizzel id-dress isa, id-dress irridu naraw ahna mhux il-panty.*' wiegbet '*U l-sormi nhobb jiena, sormli.*' Muriha l-video bin-nies fl-awla u mistoqsija min huma tghid Lydon. Dr M. Sciriha jghid li m'hawnx Lydon.

Mistoqsi diversi drabi jekk hemmx xi hadd iehor li taf, tghid li le. Issemmi Omissis. Mistoqsija 'Fejnu Omissis? Fejnu? Eh?' Twiegeb 'Fl-istampi.' Aktar il-quddiem tghid '*Dan inhobb jiena.*' mistoqsija lil min, il-qorti tindika li qed tirreferi ghall-Ispettur Spiteri li qed tghidlu Lydon. Mistoqsija jekk tafx lil dak biss twiegeb li 'Eh'. Indikati in-nies fl-awla, ma tgharaf lil hadd hlief li tghid li lil Lydon taf. Hi ma arfitx l-

imputat. Mistoqsija diversi drabi '*Min hu Omissis*' u mistoqsija '*Tieghek Omissis?* Wiegbet iva. Mistoqsija '*Tieghek, okay u tieghek jigifieri l-habib tieghek l-iskola?*' wiegbet '*Iwa tkellem?*', Mistoqsija '*Omissis il-habib tieghek l-iskola?*' wiegbet '*Eh, iwa.*' Mistoqsija diversi drabi jekk Omissis habib taghha umbghad wiegbet le. Mistoqsija fejn ikun l-iskola jew id-dar wiegbet id-dar. Mistoqsija jekk gieli wegghet b'referenza bhal Gesu tghid li le. Aktar il-quddiem qalet ukoll '*Ahh zobbi.*' Mistoqsija ghalfejn qed tghid ahh wiegbet '*Hemmhekk.*' Mistoqsija '*Ghalfejn qed jugghak hemmhekk?*' wiegbet '*Inhobbha, gie, gie, gie.*' Mistoqsija diversi drabi min ihobbha lil *Omissis* ma riditx twiegeb. Semmiet ukoll lil '*Lydon*' u qalet 'cempillu' u mistoqsija '*X'nghidlu 'l Lydon?*' wiegbet '*Biex igibli t-toys.*'

Il-minuri f'mument staqsiet '*Fejnu Omissis.*' Giet murija ritrtti u indikat l-ittra G. Qalet ukoll '*Sormi*'. Mistoqsija mill-Qorti 'X'ghamillek Omissis x'ghidtli?' wiegbet '*Sormi, dan ghamilli sormi.*' Tghid '*Isma' ejja ha mmisslek sormok inti.*' Qalet '*Inti (kliem ma jinfthiemx) Omissis. One, two, three, four, five, six, seven , eight, eight.*' Mistoqsija mill-Psikologa 'Ma nafx x'jismu jiena, ma nafx x'jismu dak.' wiegbet 'DDDD' u mistoqsija mill-Psikologa '*Tad-'D' ma nafx x'jismu dak 'D'. Dan Omissis?*' wiegebet '*Le dan Omissis.*' Aktar il-quddiem tghid '*(Kliem ma jinfthiemx) sormi*' u mistoqsija '*Misslek sormok?*' wiegbet '*Hemmhekk.*' Mistoqsija '*Hemmhekk, hemmhekk misslek hemmhekk?*' wiegbet '*Sormi.*' Qalet '*Missli sormi*'. Mistoqsija '*Ghalfejn qed taghmel hekk b'idejk?*' wiegbet '*Ghax Omissis.*' Aktar il-quddiem, mistoqsija '*Hemm mela dan Omissis ghidtli hu?*' wiegbet '*Le dan Omissis.*' Mistoqsija '*Eh dan Omissis, u x'ghidtli dwar Omissis?*' wiegbet '*Ghamilli hekk.*' Mistoqsija '*Darba ghamillek hekk jew hafna?*' wiegbet '*Hafna hekk.*' Tghid '*dan qed icempillek mobile dan.*' Mistoqsija icempilx bil-mobile tghid '*eh*' u mistoqsija '*Min Omissis?*' wiegbet '*Ija, anke issa, issa.*' Mistoqsija diversi drabi '*Omissis biss ghamillek hekk kif urejtna?*' wiegbet '*Iwa ghidtlek, (kliem ma jinfthiemx).*' Il-Qorti ikkumentat '*Iddentifikatu f'ritratt iehor.*' Tghid '*Tmissux lil Omissis.*' Mistoqsija '*Ghalfejn ma tridniex immissh?*' wiegbet '*Tmissux (kliem ma jinfthiemx) tmissux.*' Mistoqsija '*Omissis tilghab bit-toys ma' Omissis?*' wiegbet '*Le*'. Mistoqsija tilghabx noli ma' Omissis wiegbet '*Le Larkin.*'

Aktar il-quddiem il-minuri giet mistoqsija mill-Psikologa C. Sammut '*Ghidtli, ghidtli l-kelma zobb x'inhi zobb? Ma nafhiex jiena.*' Il-minuri qalet '*Ala bieb zobbi.*' Mistoqsija '*X'inhu dan? X'inhu ma nafx jien x'inhu?*' wiegbet '*Heqq hemmhekk.*' Mistoqsija '*X'inhi zobb ma fhimtiex jiena?*' wiegbet '*Ghax zobbi ghidtek jiena.*'

Mistosija diversi drabi x'inhi zobbi qalet '*Gholli hekk*', qalet '*Hekk, hekk, hekk tgholli hekk, tgholli hekk.*' Mistoqsija '*Erga' ghidli, erga' ghidli din ta' zobi ghax jien ma nafhiex.*' Wiegbet '*Mela (kliem ma jinfthiemx) zobbi, zebbuga.*' Mistoqsija '*Eh, min jghidlek sabiha Omissis?*' wiegbet '*(Kliem ma jinfthiemx). Issa ghandi zobbi, issa niftah bieba.*'

Mistoqsija '*Thobb tarah lil Mr Bean inti?*' Wiegbet '*Ijja (kliem ma jinfthiemx) Mr Bean.*' U mistoqsija diversi drabi '*U x'jaghmel Mr Bean? X'jaghmel Mr Bean?*' qalet '*Eh jhobb zobbi bhal sormi barra.*' Mistoqsija '*Mr Bean ghamel hekk?*' wiegbet '*Iwa.*'. Mistoqsija diversi drabi '*X'jaghmel Mr Bean?*' qalet '*(Kliem ma jinfthiemx) halliha hemmhekk, hekk.*' Mistoqsija '*Hekk jaghmel Mr Bean bil-mobile?*' wiegbet '*Iwa.*' Il-Qorti qalet '*Le mhux ha naghmel shh issa ghidli ghidli x'jaghmel Mr Bean?*' wiegbet '*Hawn tal-pastizzi tliet soldi 'l wiehed erbgha xelin, sss daqshekk.*'

Mistoqsija '*Omissis, Omissis inti Mr Bean, Mr bean tarah hafna? Thobb tarah hafna?*' wiegbet '*Iwa.*' Mistoqsja '*Ijja u x'joqghod jaghmel Mr Bean meta tarah?*, wiegbet '*(Kliem ma jinfthiemx) saqajh.*' Mistoqsija '*Jaghmel hekk b'saqajh Mr Bean?*' wiegbet '*Izommha hekk.*' Mistoqsija '*U jzommha hekk saqajh u x'jaghmel iktar?*' wiegbet '*(Kliem ma jinfthiemx) barra.*' Mistoqsija diversi drabi x'jaghmel iktar Mr Bean, '*X'jaghmel, x'jaghmel Mr Bean?*' wiegbet '*(Kliem ma jinfthiemx) zobbi.*' Mistoqsija '*Tiftakar x'izjed?*
u l-Qorti staqsiet '*Jgholli saqajh Mr Bean u x'jaghmel iktar?*' wiegbet '*Sormu*'. Wara diversi mistoqsijiet x'jaghmel qalet '*Xejn.*' Mistoqsija diversi drabi minn fejn tghallmet il-kelma '*sormu*' wieget '*Eh (kliem ma jinfthiemx) zobbi (kliem ma jinfthiemx).*' Mistoqsija biex terga tghid qalet '*(Kliem ma jinfthiemx) zobbi (kliem ma jinfthiemx) zobbi.*', mistoqsija '*Min Mr Bean jghid hekk?*' Wiegbet '*Iwa*'. Qalet ukoll '*Ara inti tkanta sabih (kliem ma jinfthiemx) ix-xoghol libsa gdida (kliem ma jinftiehmx) zobbi, ghamillu karta (kliem ma jinfthiemx) ha mmur ix-xoghol issa.*' Qalet '*Gholli hekk, gholli hekk, jgholli*

*saqajh.*', mistoqsija mill-Psikologa '*Min Mr Bean?*', mistoqsija mill-Qorti '*Jgholli saqajh Mr Bean hekk ehe.*' wiegbet '*(Kliem ma jinfthiemx) sormi.*' Mistoqsija '*X'jaghmel, x'jaghmel Mr Bean?*' wiegbet '*Hekk jgholli hekk.*' Mistoqsija min jaghmel hekk wiegbet '*Clifton*'. Mistoqsija diversi drabi '*Min hu Clifton?*' ma twegibx u mistoqsija '..*Clifton qieghed l-iskola jew id-dar?*' wiegbet id-dar. Regghet mistoqsija min hu Clifton, qalet '*Hobbni zobbi, qalbi zobbi, zobbi.*' Mistoqsija '*Min jaghmel hekk Clifton jaghmel hekk?*' wiegbet '*Iwa Clifton.*' Mistoqsija lil min thobb hafna tghid il-Clifton. Mistoqsija jekk lil Clifton biss thobb tghid le. Mistoqsija diversi drabi lil min thobb id-dar, tghid lil Clifton. Mistoqsija '*Il-mama' ma thobbiex?*' Wiegbet '*Iva nhobbha.*' Mistoqsija lil min iktar thobb id-dar qalet '*Hekk ngholli hekk Omissis.*', mistoqsija ghalfejn qed taghmel hekk terga' qalet '*Ha mmiss sormi.*' Mistoqsija min jahsilha jekk omma jew missierha tghid li '*il-mummy*'.

Fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) il-prosekuzzjoni u d-difiza qabblu li f'dan il-kaz jigu nominati zewg esperti psikjatrici. Il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Dr Jean Pierre Giorgio u Dr Joe Cassar sabiex jitkellmu, ikollhom sessions mal-minuri koncernata flimkien mal-Psikologa Carmen Sammut u dan wara li jiehdu konjizzjoni tal-atti processwali nkluz il-video recording tax-xhieda tal-minuri.

Fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet **Alicia Cauchi**, social worker fil-qasam ta' child protection mal-Agenzija Appogg. Tghid li fit-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) ircevew referral min-naha tal-iskola peress li *Omissis* kienet qed taghmel mossi ta' affarijiet ta' natura sesswali. Tghid li fir-referral kien hemm miktub li pruvat iddahhal xi oggetti fil-parti taghha fosthom fliexken tal-ilma kif ukoll cone tal-P.E, u kien hemm drabi li pruvat ukoll '*tgholli l-qliezet, hemm tnizzl il-qliezet sorry ta' xi studenti ohra.*' Apparti minn hekk tghid li fil-hamsa u ghoxrin (25) ta Frar ta' din is-sena wkoll *Omissis* marret l-iskola bdiet tilmenta fuq ugigh fil-parti taghha.

Ikkonfermat li r-referral sar mill-iskola u b'referenza ghal minuri qalet li '*mplikat li Omissis kien dahlilha xabla. Hemm l-iskola bdew jissusspettaw iktar meta infurmaw l-omm li t-tifla kellha ugigh fil-parti taghha u qalulha biex tmur ghand it-tabib u hi ma pprezentatilhomx certifikat u qaltilhom li dan ma kienx minnu li kien qed jugghaha l-parti imma li kien hemm, li kellha biss ugigh ta' zaqq. Imbghad ahna bhala Agenzija Appogg meta nircievu dawn it-tip ta' informazzjoni nippruvaw naghmlu school visit. Hemm ghall-ewwel kienet qed tkun difficli hafna minhabba l-fatt li Omissis kienet qed tfalli hafna skola. Hemm fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April ghamilna l-ewwel school visit. Hawhekk bhala mod generali t-tifla qaltilna li hi toqghod mal-mummy kif ukoll mad-daddy. Ghall-bidu qisu esplorajna naqra mal-minuri x'gharfien ghandna dwar il-parti privati u geneti taghha. Hemm il-minuri rreferit ghal sidirha bhala zejziet filwaqt ghall-parti genitali taghha bhala s-sorm. Eh, meta t-tifla kienet kapaci tindika l-parti privati taghha billi tuza gisimha stess. Il-minuri wkoll ghamlet distrinzjoni bejn il-mument meta ommha tmissilha l-parti taghha biex tahsilha u meta Omissis sofriet l-allegat abbuz minn fuq Omissis.*' Tirreferi ghal meta l-minuri tkellmet maghha u ma' Katia Muscat, haddiema socjali. Tghid li '*...Omissis infurmat lis-social workers, lili u l-Katia li Omissis kien missilha l-parti geneti taghha u biex taghmel dan Omissis gholliet id-dublett u ppuntat subajha lejha. Omissis wkoll spjegat li Omissis kien dahhallha subajha gol-parti privati taghha u dan ghamlitu billi poggiet subajha fuq l-istampi tat-tifla minghajr hwejjeg u telghet u nizlet subajha. Hemm Omissis wkoll qalet li Omissis kien missilha wkoll sidirha u biex ghamlet dan irreferit ghall-istampa u ghamlet subajha fuq sidirha wkoll bdiet ittella' u tnizzel. X'hin Omissis rat l-istampa tat-tifel minghajr hwejjeg mal-ewwel gharfet il-parti genitali tar-ragel u ppuntat lejh. Omissis wkoll indikat li Omissis gieli missilha wkoll sidirha bil-parti geneti taghha. Omissis sabitha naqra difficli biex tispjega fejn gara dan l-abbuz pero' hi kienet konsistenti hafna u qalet li dan sar id-dar, li sar fil-kamra tal-banju, li Omissis tefa d-dawl meta kien dan u li ommha kienet qieghda x-xoghol. Hemm, Omissis wkoll kienet qalet li hemm Omissis ukoll kien dahhal il-parti geneti tieghu f'taghha u biex ghamlet dan uzat l-istampi u qalet dahlu gewwa.*'

Ix-xhud ikkonfermat li bil-kelma '*geniti*' qed tirreferi ghal '*genitali*'. Tispjega li '*il-minuri kienet hafna konsistenti f'dak li kienet qed tghidilna wkoll tat naqra dettalji mhux hazin u spesifka hafna. Fis-sebbgha u ghoxrin (27) ahna bhala Appogg ghamilna kuntatt mal-iskola biex tlabnihom biex ituna naqra certifikati qisu biex inkunu certi hemm li m'hemm l-*

*ebda certifikati u gie vverifikat li ma kien hemm l-ebda certifikati. Hemm fit-tnejn (2) ta' Mejju l-Ispettura Paula Ciantar talbitni biex nakkompanja l-minuri biex tigbor l-iskola u taghmel l-investigazzjoni taghha. Waqt dan l-intervent il-minuri kemm il-darba pruvat tmiss parti genitali ta' haddiehor fosthom tieghi. Fit-tlieta (3) ta' Mejju tkellimna l-minuri fil-prezenza tal-Ispettura Paula Ciantar, hawnhekk ergajna esplorajna x'gharfien ghandha dwar il-parti privati u genitali. Meta giet mistoqsija jekk qattx kien hemm xi hadd li dejjaqha fil-parti genitali taghha hi wiegbet iwa Omissis u baqghet tirrepeti dan matul l-intervista kollha. Hemm Omissis uriet kif Omissis kien ghamillha.'* Ix-xhud ikkonfermat li qed taqra fuq noti taghha u li ma ssib l-ebda oggezzjoni li tnehi l-karti u tara naqra.

Kompliet tispjega '*Dakinhar li kellimna l-Ispettura Ciantar ukoll staqsejniha jekk kien hemmx persuna li missilha l-parti l-fuq ta' sidirha u hija wiegbet iwa Omissis. Hemm fl-erbgha (4) ta' Mejju s-Sinjura Omissis, Omissis kif ukoll ohtha gew gewwa l-Appogg.*' Spjegat biex taraha Dr Mariella Mangin '*u hemmhekk ghamilna vista maghha u s-Sinjura Omissis bdiet tghid illi l-LSA kienet qatghet xi karti minn god-diary u li tat ic-certifikat.*' Spjegat li fil-laqghet li kellhom *Omissis* baqghet tinsisti li Omissis qatt ma kien ghamel dawn l-affarijiet u kien cert u hija qalet ukoll li *Omissis* kienet qed thawwad hafna. Ix-xhud spjegat li '*is-Sinjura Omissis ukoll talbet lill-haddiema socjali biex jittestjaw lil Omissis fuq ir-reliability taghha ghax qalet li hi kienet issemmi l-Omissis hemm fi kwalunkwe oggett. Meta ahna ghamilna dan u staqsejniha qisu gugarelli jew xi affarijiet li hi minn fejn gabithom, hi dejjem semmiet il-persuna rreferiet ghall-persuna li kienu tawhomlha.*'

Spjegat li '*fil-hamsa (5) ta' Mejju hemm min-naha, fil-hamsa (5) ta' Mejju l-Ispettura Ciantar talbitni biex nakkompanjaha biex immorru d-dar ta' Omissis biex naraw jekk hi kinitx qed taghraf, jekk hi ma kinitx ha taghraf il-persuna li kien ghamillha hekk, ergajna tkellimna dwar il-parti privati taghha u dwar l-gharfien li hi kellha u Omissis kienet aware taghhom. Hemm meta staqsejniha jekk qattx kien hemm xi hadd li dejjaqha n-naha ta' isfel taghha hi qalet iwa Omissis u baqghet tinsisti u meta staqsejniha jekk kienx hemmpersuna li dejjaqha n-naha tal-parti ta' fuq ta' gisimha hi wkoll insistit iwa Omissis u din baqghet tghidha matul il-dik kollha. Hemm meta giet murija ritratti u meta giet mistoqsija jekk il-persuna li kien dejjaqha kienx hemmhekk h qalet iwa dan hu Omissis.*'

Spjegat li '*Fid-dsatax (19) ta' Mejju Carmen Sammut talbitni biex jiena naghmel, nakkompanjaha waqt sessjoni. Hemm bdejna nitkellmu t-tifla b'mod generali qisu bhala mod ta' introduzzjoni qisu kif kien il-gurnata, x'ghamlet u hekk. It-tifla bdiet tghajjat u tghidli ara ma tkellimnix fuq sormi, hemm bdiet tghajjat lil ommha hemm dak li ghax Alicia, ghax jien kont qed inkellimha fuq sormha. Dak il-hin dahlet is-Sinjura Omissis kif ukoll habibtha u bdiet tghajjat u tghid li ahna qed inhallu influwenza hazina fuq it-tifla u li hemm hi kienet sostniet li t-tifla qaltilha diversi drabi biex hi ma titkellimx fuq dawn l-affarijiet maghna. Hemm dakinhar ukoll l-omm allegat li ahna bhala Appogg qeghdin inwieghdu lit-tifla r-rigali biex hi tghid fuq dan l-allegat abbuz. Waqt din is-sessjoni wkoll Omissis ghal darb'ohra kkonfermat dak li qalet l-ewwel fl-ewwel sessjoni li jiena kelli maghha lil-persuna li kien dejjaqha fil-parti ta' fuq u l-parti t'isfel ta' giisimha kien Omissis. Hemm apparti minn dan kollu minkejja li ahna ma ghamilna l-ebda intervent minn dakinhar 'l hawn mat-tila ahna bhala Agenzija Appogg ircevejna informazzjoni li t-tifla kienet ghadha qed taghmel affarijiet ta' natura sesswali.*'

In kontro-ezami spjegat li hi social worker u li ghandha BA in social work. Mistoqsija '*X'inhuma l-kwalifici tieghek fir-rigward ta' Down syndrome children?*' qalet li '*...jiena meta kont l-Universita' kienu jghallmuna fuq dawn l-affarijiet u bl-esperjenza li jiena ghamilt ix-xoghol gejt in contact ma' dan in-nies.*'

Mistoqsija x'kwalifici ghandha biex titratta ma' tfal Down Syndrome qalet '*Ara jiena bhala social worker fil-kors taghna ahna hemm nittrattaw kull aspetti tal-hajja u kull aspetti ta' nies u ahna f'dan il-kors gejna mghallma kif ahna ghadna nintervjenu f'dawn l-affarijiet u anke through l-esperjenzi taghna ahna gejna.*' Dwar kwalifika tghid li kellhom credit fuq disability meta kienet studenta, tghid li jismu '*Working with Disability People*'. Mistoqsija jekk '*with Disable People jew With Disable Children*' wiegbet '*Le, kien mod generali with Disabled People.*' Mistoqsija f'liema sena tghid li fit-tieni jew tielet, mistoqsija kemm il-lezzjoni tghid li kien ta' semester shih. Tghid li kien darba fil-gimgha ghal saghtejn. Mistoqsija kemm gabet f'dan il-credit u kemm kellu validita tghid li ma tiftakarx. Tghid li r-rapport dahal dak inhar li marret tkellem lil minuri l-iskola fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April. Tghid li kienet fil-prezenza ta' Katia Muscat li

kienet tahdem is-sapport fil-passat jigifieri esperjenza rigward disability. Spjegat li meta jaghmlu intervent l-iskola jkunu tnejn flimkien. Tghid li ghandha sitta u ghoxrin (26) sena u ila sentejn li gradwat. Ikkonfermat li l-esperjenza ma tistax tirrisali ghal iktar minn sentejn. Ikkonfermat li ha taghlaq sentejn u li fit-tnejn (2) ta' Marxu ma kinitx ghalqet sentejn. Qalet li l-warrant tiehdu f''Lulju li gej. Ikkonfermat li ghada mhijiex warranted. Spjegat li min-naha tal-Agenzija Appogg l-leader jaghtihom il-kazijiet u huma jahdmu fuqhom. Mistoqsija gietx appuntata minn Magistrat, il-Qorti spjegat li '*..ir-referall sar l-appogg mill-iskola kienet ghada ma saritx l-inkjesta*' *u li* '*Hi...social worker Agenzija Appogg.*' Ix-xhud spjegat li '*Mela ahna bhala Agenzija Appgg u bhala social wrkers ahna nahdmu qabel il-warrant, ahna jekk tidhol fis-servizz taghna hemm hafna mill-kollegi tieghi mhumiex ghndhom il-warrant. Ahna nigu trenjati.*' Spjegat lii l-leader li baghta hu Omissis Antoncich. Mistoqsija ghandhiex warrant Katia wiegbet li ghandha. Mistoqsija '*Mela lil, mal-mama*' *quddiem psikjatra tkellimt ma*' *din it-tifla?*' wiegbet '*Quddiem psikjatra, quddiem il, Carmen Sammut, mhux jien tkellimt...*' Mistoqsija tafx id-differenza bejn psikjatra u psikologu qalet li taf. Tghid li ma tkellmitx mat-tifla quddiem psikjatra. Tghid li l-ewwel darba bhala Agenzija Appogg ma ghandhomx bzonn kunsens min-naha tal-omm biex ikollhom kuntatt. Spjegat li darba kien hemm prezenti s-Sinjura *Omissis*, mistoqsija '*Wieghedtuha rigali lit-tifla?*' wiegbet '*Le lanqas xejn jiena.*' Id-difiza qalet '*Ghaliex it-tifla qalet li intom wieghedtuha, inti verament wieghedtha ha nara ghax forsi qed tigdeb fil-konfront tieghek. Li wieghedtha ha nghidlek x'qalet li inti wieghedtha, hemm libsa sabiha, badge li tista' tilbes li tghid Dottor Omissis, hairband.*' L-Avukat difensur mistoqsija mill-Qorti minn fejn tirrizultala, l-Avukat difensur spjegat li '*qed jghiduli ejja nghid hekk, qed jghiduli li t-tifla qieghda tghid u semmai jigi jghidilna min qed jghid hekk illi inti wieghedtha, hemm, rigali iva jew le?*' wiegbet '*Le.*' Spjegat '*U dan nista' nikkonfermah ghax jiena qatt ma kelimt lill-minuri wahdi u dejjem kien hemm persuna takkumpanjani f'dan il... ta' minuri.*'

Mistoqsija '*Meta kien illi inti tkellimt mal-minuri fil-prezenza tal-mama' taghha?*' wiegbet '*Hija meta kellimna, meta kellimniha l-Appogg qabel il-vista ta' Dr Mangion ma' Mariella Mangion.*' Spjegat li kienu tkelmu ma' omm il-minuri u m'otha li kienet hemmhekk.

Spjegat li '*meta ahna naghtu kaz il-pulizija ahna min-naha taghna l-investigazzjoni tispicca ghax tehodha f'idejha l-pulizija allura ahna minn wara l-ewwel vista ahna ma bqajniex ninterrogaw it-tifla ghax ahna hallejna x-xoghol taghna lill-pulizija.*' Mistoqsija kemm il-darba intervistat lit-tifla fil-prezenza ta' ommha wiegbet qatt.

Mistoqsija wkoll '..*It-tieni nett inti x'esperjenza ghandek in interviewing, what educational experience ghandek in interviewing a Down Syndrome child?*' wiegbet '..*jiena min-naha tieghi meta kont il-kors l-Universita' kif ukoll hemm mit-trainings li nircievi mill-Agenzija Appogg hemm ahna naghmlu ovvjament l-interview dejjem qisu bejn wiehed u iehor ikun l-istess standard imma ovvjament inti tassoccjaha ovvjament mal-persuna li inti tkun qed titkellem*'. Tghid li ghandha tgharif ta' kif taghmel interview lit-tfal. Mistoqsija mill-Qorti jekk tfal Down syndrome qatt interviewjat wiegbet '*Yes, ehe kelli iktar kazijiet fuq dawn, kelli iktar fuq disability.*' Mistoqsija specifikament dwar intervisti ta' tfal Down Syndrome wiegbet li le. Mistoqsija kemm ghandha IQ *Omissis*, wiegbet li ma dahlitx f'dik l-issue. Spjegat li mhux xoghlha li taghmel IQ test. Il-Qorti kkummentat li '*IQ test isir minn piskologa u minn psikjatra.*' Ikkonfermat li taf li tfal b'down syndrome ghndhom hafna immaginazzjoni. Ikkonfermat li jsibu diffikulta biex jaghmlu differenza bejn ir-realta' u l-immaginazzjoni. Ikkonfermat li taf li aktar ma jkollhom IQ baxx aktar isibu difficli jaghmlu differenza bejn dak li hu reali u dak li huwa immaginazzjoni.

Spjegat li '*Omissis qalet tkellimniex fuq sormi, bdiet tghajjat*' u dan '...*kif poggejna ghas-sessjoni u bdejna nitkellmu fuq affarijiet generali.*' Mistoqsija '*Mela malli ratek qaltlek ara tergax tkellimni fuq sorm, hekk qaltlek?*' wiegbet '*Qaltli ara tkellimni fuq sorm.*' Spjegat li '*Jekk jien kont qed ninvestiga abbuz sesswali nahseb fuq l-affarijiet relatati mal-abbuz irrid inkellimha t-tifla.*' Mistoqsija jekk bdietx tissugerixxi qalet li le. Spjegat li meta kelmitha jew kelmitha fil-prezenta tal-pulizija u spjegat li meta kien hemm ommha, othha setghet tidhol, hi ma dahlietx. Mistoqsija jekk kelmitiex quddiem ommha qalet le.

Mistoqsija '*Waqt is-session ta' Dr Sammut inti kont prezenti? Waqt l-intervista?*' Wiegbet '*Ezattament, ezattament u ohtha ma kinitx prezenti hemmhekk, habibtha kienet prezenti*

*hemhekk.'* Spjegat li '*jiena nixtieq nikklerifika meta kellmuha, meta jkellmuha l-pulizija u Carmen Sammut mhux jien ha niddeciedi 'l min huma jixtiequ jkun hemm involuti ghax jien mort hemmhekk.'* Spjegat ukoll li '*Jiena l-unika darba li kellimt lit-tifal fuq l-abbuz kienet l-iskola meta Ma kien hemm hadd. It-tieni darba kienet meta kellimt 'l omm qabel Dr Mangion u meta kien hemm hemmhekk kien hemm l-omm, ohtha u l-minuri.'*

Mistoqsija jekk kelmitiex darba biss l-iskola quddiem it-teachers wiegbet '*Le, jiena u Katia konna l-iskola mbghad jien kellimtha fil-prezenza tal-pulizija jew ta' Carmen Sammut...'*

Fis-seduta ta' nhar it-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdu **Dr Joseph Cassar**, **Dr Jean Pierre Giorgio** u **Dr Carmen Sammut** li prezentaw rapport konguntiv immarkat bhala dok JC 1.

Dr J Cassar spjega li '*Wara l-laqghat li kien hemm kif ukoll il-video conferencing illi ahna rajna naslu biex nikkonkludi li l-minuri Omissis giet esposta ghall-imgieba u lingwagg li mhux addattat ghal tifla tal-eta' taghha. Omissis hija tifla li ghandha certu diffikultajiet biex tipporcessa l-informazzjoni li hi tigi esposta ghalih, diffikultajiet li jaghmluha suggestibbli hafna li jkollha tendenza li tirrepeti dak illi hi tisma' u tara u b'mod konkret fil-mod kif taghmel sens mid-Dinja ta' madwarha kif ukoll kif tiprova tikkomunika mal-ohrajn. L-aspett politiku li qisu gie osservat f'dak li forsi kienet qed tghid it-tifla specjalment fil-video conferencing is-suggestibilita taghha biex tirrepeti, il-mod konkrett kif hi tiprocessa l-informazzjoni li tircievi mill-ambjent ta' madwarha, il-fatt li ma kienx hemm xi stati Psikologici osservati li setghu jindikaw xi esperjenzi li forsi kienu trawmatici fuqha, mill-informazzjoni li hemm wiehed ma jistax jikkonkludi li Omissis giet esposta ghal xi abbuz iehor barra dan. L-esperti ma jistghux jeskludu li seta' kien hemm xi mumenti fejn l-imputat miss il-partijiet privati tat-tifla forsi waqt hasil jew sitwazjonijiet simili imma ma hemmx evidenza klinika fuq it-tifla li dan sar fuq livell ta' abbuz.'*

Mistoqsijin dwar l-imgieba sesswalizzata tal-minuri Dr J Cassar wiegeb li '*Kif ghedna nahseb 'l iktar haga mportanti li nifhmu hija li t-tifla kienet suggestible hafna. Jigifieri ahna meta dahhalniha fil-kamra taghna minghajr forma ta' suggestibility it-tifla ma uriet l-ebda*

*forma ta' sexualized behaviour. Ovvjament if you put some words in her mouth, if you induce her into thinking that there is a sexualized, we said she has been exposed, we did say she has been exposed. The level of exposure we don't know because obvuisly we are not there but she has been exposed. U fil-fatt ghidtli jista' jkun hemm mumenti fejn anke missha jew xi haga hekk. Pero' qed nikellmu fuq abbuz jigifieri missha b'mod illi iried jiehu pleasure minnha, illi kien hemm intercourse u dawn t-ip ta' affarjiet ma jidhirx mill-mod klinika li rajna pero' li definitely hija suggestible u li ghandha hafna cognitive problems illi allura inti ma tistax timxi direttament fuq dak li tghidlek bhala cause and effect definitely huwa a definite point.'*

Spjega li '*Meta xi hadd ikollu cognitive decline ikun suggestible t-tfal hafna drabi jkunu jridu qishom ikunu afu xi trid tisma' minghandhom jew xi trid tifhem u jghiduhulek in a way to please....*'

Spjega li '*When you talk about suggestibility inti qed tifhem illi kull forma ta' per ezempju din il-haga jiena fil-video conferencing rajtha, il-hin kollu ssemmi Simon u mbaghad kliem pastaz u kliem illi juzaw hafna drabi fil-Barijiet jien nghidilhom u Omissis u Simon. U at some stage din regghet bdiet issemmih dan Simon. U jiena ma stajtx xnaghmel one plus one nies li taf hi fil-hajja taghha u Simon. Bdejt nghid Spettur le, u bdejt naghmel x'jismu. Hrigt barra mill-kamra u saqsejt lil ommha ghidtilha isma' dan Simon il-hin kollu ssemmih min hu ? U dik qaltli Simon Busuttil fil-politika. Allura mbaghad bdejt nifhem illi Simon u l-kliem li bdiet tghid u l-kuntest. Jigifieri meta inti tmur f dawn il-Barijiet u hekk tisma' n-nies jghidu u dak jiehdu hawn u dak jiehdu 'l hemm. Jigifieri dak it-tip ta' diskors kien relatat ma' dan it-tip ta' imgieba. Issa ovvjament anke kliem ta' postijiet fil-gisem anatomici hemm lokalitajiet u hemm postijiet f' Malta fejn sfortunatament juzaw dan it-tip ta' diskors anke fil-lingwagg taghhom.*' Spjega li '*..fil-partijiet anatomici per ezempju hi anke fil-partijiet m'hijiex daqshekk cara*'.

Dr Carmen Sammut spjegat li '*Xi haga li harget u harget anki mis-sessions illi kellna flimkien bhala tliet esperti kienet id-diffikulta li Omissis ghandha ma' dak li nghidulha clasification. Issa classification x'jigifieri? Jigifieri t-tfal f'certu eta', it-tfal f certu eta' zghira jibdew illi per ezempju juza kelma wahda biex tfisser jien naf in-nisa kollha, jew kelma wahda*

*biex tfisser l-irgiel kollha...'* Kompliet tispjega '*...u dehret mill-loghob taghha illi ghandha din id-diffikulta. Jigifieri in normalment tal-eta' taghha tkun ilha illi rnexxielha taqbizaha, imma per ezempju bdiet taqbad, qabdet l-istess toy li ddentifikatu bhala Simon u mbaghad qabdet toy iehor li qaltlu Simon ukoll. U mbaghad qabdet toy iehor identifikata bhala mara u mbghad qabdiet tlieta toys ohra, 3 pupi ohra li huma female u qatilhom mummy ukoll. Jigifieri ma kinitx kapaci taghmel din id-differenza li isma' dan Simon u dan Peppi u dik hija l-mummy u dik hija z-Zija ma kinitx kapaci. Jigifieri x' inhi l-konkluzjoni ? Din qaltilna ukoll meta bdiet tuza l-kelma S ghal parti privata ta' quddiem u l-parti privata ta' wara. Jigifieri ma bdietx tghid, tuza kema specifika ghal parti privata taghha ta' quddiem u kelma ohra bl-S ghal parti privata taghha ta' wara. Uzat l-istess kelma.'*

Dr C Sammut spjegat ukoll '*U ghidtilha min hu 'l iktar persuna li thobb inti u hi qalet mill-ewwel Omissis. Jigifieri xi haga minghajr ma nistghu nghidu li hemm il-possibilta, li hemm zgur din il-haga, hemm il-possiilta li bdiet tuza l-kelma Omissis ghal iktar minn persuna wahda per ezempju. Allura zgur ma stajniex inkunu cari jekk it-tifla mhux qed tuza Omissis f'kuntesti differenti.'* Dr J Cassar spjega '*Xi kultant tuza papa, xi kultant tuza Omissis, ma konniex nafu jekk Omissis hux Omissis, ma konniex nafu'*.

Dr C Sammut spjegat ukoll li '*L-ewwel darba fil-fatt fil-laqgha li kelna flimkien uzat, identifikat il-pupu bhala papa, l-ewwel darba. Jigifieri jiena rajtha hafna qabel u dejjem Omissis. Jiena naf li identifikat lil Omissis li tirreferi ghalih bhala l-papa mill-istampi anke fil-video conferencing jigifieri dak Omissis zgur dak Omissis il-papa. Imma ma nafux jekk bdietx tuza Omissis kuntest iehor ukoll qed tirrepeti xi kliem ok'*.

Il-Qorti staqsiet kif kull haga li kellha fuq id-desk il-minuri bdiet taqbadha u tiprova tpoggiha fil-parti genitali taghha Dr J Cassar spjega li '*video conferencing nahseb lanqas jien illi nikkonsidra lili nnifsi normali fil-brackets ghax dina damet siegha u kwart. Persuna b'downs, cognitively impaired, I mean one hour fifteen minutes for a video conferencing sitting down not able to touch things, I mean was a test illi she prObably passed through it fis-sens illi tifel b'ADHD li m'ghandux downx u li cognitevely not imparired probabbli kien jgholi l-kamra.'*

Dr J Cassar spjega li '*Jien nahseb ili rridu noqghodu attenti li tfal ta' din l-eta' m'hijiex rari illi jkollhom dak li ahna nghidulhom self stimulation meta jkunu frustrated anke meta huma normali. Jigifieri ahna gieli niltaqghu ma' sitwazzjonijiet ma' tfal normali, ovvjament il-genituri jiggennu ghaliex it-teacher tibda tghidilhom isma' dawn qghdin ihokku lilhom infushom il-hin kollu mal-bank.*'

Dr Jean Pierre Giorgio spjega ukoll li ma kien hemm l-ebda hin li kien hemm sexulized play. Dr J Cassar spjega li '*We instigated sexualized behaviour ovvjament ghal mal-pupi and she did not, she didn't even respond to that clue, she continued playing u tghidilna u kompliet ghaddejja. Pero' li kien interessanti nahdeb din li qalet Carmen impressjonatni hafna illi din minn 8, 10 pupi 4 Simon 3 Omissis, 4 l-mama she couldn't distinguish..*' Spjega '*Pero ' ha nerga' nghid u nerga' jigifieri d-diskors, l-agir juri li b'xi mod kienet exposed pero' at what leel and by whom we don't know*'.

Mistoqsi dwar sitwaazzjonijiet li graw l-iskola bhal tal-PE cone li pruvat iddahhalha fil-parti taghha, Dr J Cassar spjega li '*Yes I mean you can even see that in normal children. That is connsidered at this age eh, if she were 15, 16 totally not appropriate. At this age in a cognitively compromised person you cannot conceptionally say thatthis is totally sexualized due to abuse. It is sexualized but children of her age can do this type of sexualized behaviour including self stimulation at no level ikunu qatt gew abbuzati even exposed to any form of abuse*'. Jispjega li anke fi tfal bla kundizzjoni. Jispjega li l-kundizzjoni taghha trendiha aktar vulnerabbli, jghid li tisma kelma pastaza tirrepetiha u ma taghmix distinzjoni fejn tghidha.

Dr J Giorgio spjega wkoll li '*Ahna hassejna li xi haga semghet jew giet esposta, rat xi haga. Pero' kemm fil-fatti giet abbuzata innifisha ghax hemm haga ohra illi meta bniedem tifel ikun gie abbuzat, tifla tkun giet abbuzata ha tara xi forma ta' jew distressing behaviour jew regression fil-behaviour illi persuna tibda tagixxi terga' anke ta' eta' izghar milli hi u wisq iktar f'xi hadd illi ghandu Down Syndrome u li ghandu problema bil-livell intelletwali. U din fl-ebda hin ma rajniha jigifieri she was a happy child, dahlet, laghbet. Anke meta instigajna ma hareg xejn illi lilna allarmana illi forsi kien hemm xi haga ghaddejja. Kompliet maghna, ma kien hemm l-ebda forma ta' emotional distress li stajna naraw*'.

Dr Carmen Sammut spjegat li '*...it-tfal jirrepetu imma anki meta ssemmi waqt il-video conferencing il-kelma Z kienet qed tirreferi u b'mod konkretament bdiet turina ghal fejn qed tirreferi. Jigifieri l-fatt illi hi, il-fatt illi hi kienet qed tidentifika l-parti genitali taghha li tirreferi ghaliha b'dn l-isem turi li xi hadd bilfors esposta ma nafux minn fejn imma bilfors, ma tigiex naturali normal development li tfal ikollhom kelma u jghidu mela din il-kelma equals din il-haga. Jigifieri bilfors xi hadd kompetament uriha x'inhi din il-haga. Jigifieri dik li ma kinitx fin-normalita*'.

Mistoqsija dwar jekk normali li taghmel self-stimulation jew taqbad il-parti ta' dak li jkun Dr J Cassar spjega li mhux normali imma li '*She has major cognitive problems. So jekk inti qed tghidli ija normali ghal tifla ta' 6 snin, 7 snin taghmilha le imma ghal tifla ta' sena, sentejn hija normali li taqbad breast iva.*' Spjega li li kieku raw kif it-tifla tagixxi mal-missier kienet tghinhom fil-konkluzjoni taghhom.

Dr C Sammut spjegat li meta l-haddiema socjali gabet stampa b'anatomically correct figure tal-mara u tar-ragel, identifikat u semmiet il-parti genitali tal-mara u meta harset lejn tar-ragel qalet '*dan x'inhu*'.

In kontro-ezami, Dr J Cassar mistoqsi li biex taghmel intervista ma' persuni bil-kundizzjoni li ghandha l-minuri, iridu jintuzaw *techniques* specjali, ikkonferma dan u spjega li hemm anatomical toys apposta, sitwazzjoni qisha klassi, bil-mejda zghira, toys, pupa u '*Il-pupi xxerrdhom ghax inti ma tistax taghmilha pupa ma' pupu ghax dik by definition gia' hija suggestibility.*' Spjega li min ikun abbuzat jitkellem sew bil-loghob u tinduna mhux bid-diskors.

Ikkonferma wkoll li mhux il-kiem li jinghad imma l-interpretazzjoni li tinghata. Ikkonferma li dan minn persuni esperti fil-kamp li tghodd f'dan il-kaz.

Fis-seduta ta' nhar it-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet **Katia Muscat**, Haddiema Socjali tal-Harsien tat-Tfal li spjegat li hi u l-kollega taghha Miss Scerri kienu attendew l-ewwel school visit wara li dahlilhom referral minn l-iskola ghaliex kienu koncernati li l-minuri setghet kienet qed tigi abbuzata sesswalment. Tghid li '*prattikament jien kont invovluta fl-ewwel disclosure li kienet tat it-tifla fejn hi kienet spjegat anke b'certu dettalji profondi fuq x'kien gralha flimkien ma' Omissis*'. Dwar il-minuri spjegat li '*Hija bdiet tinsisti li s-Sinjur Omissis kien dahhal subghajh fil-parti genitali taghha u anke kienet tellghet id-dublett biex turina kif. Aparti minn hekk kienet qalet ukoll li kien dahhal il-parti genitali tieghu fil-parti taghha u wara ukoll ahna konna ghamilna uzu minn tools li nuzaw fix-xoghol taghna fejn urejniha stampa ta' tifla gharwiena fejn it-tifla kkonfermat l-affarijiet, il-partijiet tal-gisem li semmiet fejn ikkonfermat fuq il-karti ukoll. Qaltilna ukoll li s-Sinjur Omissis anke kien miss il-parti*' Il-Qorti rrimarkat u spjegat li trid tkun taf ezatt x'qaltilhom. Mistoqsija qaltilhomx '*Mr Omissis*' wiegbet '*Hi bdiet tirreferi ghalih bhala Omissis. Dejjem semmitilna bhala Omissis ma semmiet ebda terzi persuni ohra u qaltilna kemm b'subghajha jigifieri kif hu beda jaghmel il-moviment tieghu u qaltilna ukoll anke fuq l-istampa qabdet subghajha fuq il-parti tas-sider tat-tifla u qaltilna li kien itella' u jnizzel subghajh fuq il-parti taghha ta' sidirha u anke mill-parti genitali. Hi dejjem irreferiet meta bdiet tghidilna liema parti dejjem irreferiet fuq l-istampa u rat il-parti genitali tar-ragel mal-ewwel qaltilna dak hu. U meta bdiet tispjegalna kif sar l-att dejjem bdiet tirreferina ghal parti genitali u bdiet tipponta fuq il-karta u mbghad ghal kif hi ghamlet fuq il-karta tat-tifla, kif hu ghamel ghal fuq it-tifla*'. Spjegat ukoll li dejjem irreferiet bhala Omissis u li qatt ma rreferiet bhala '*d-daddy.*'

Spjegat li hi kienet prezenti ll-ewwel disclosure fl-*school visit* tas-sitta u ghoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) u mbaghad il-kollega taghha Ms Scerri jigifieri Alicia kellha iktar interventi wara ghax kienet Miss Scerri responsabbli primarjament tal-kaz. Mistqsija jekk kien hemm frazijiet partikolari, tghid li '*meta bdiet tirrefreri ghal parti genitali tar-ragel ta' Omissis biex niftehmu qalet dahlu gewwa anke meta rat, meta l-ewwel bdiet tghidilna fuq il-parti genitali tieghu u mbaghad rat l-istampa bhal ma diga' ghidt qaltilna mal-ewwel u dak hu u ppuntat subghajha fuq il-karta fejn kien hemm ir-ragel gharwien bil-parti genitali tieghu biex tirreferina li kienet qed tirreferi ghal*

*dak il-parti genitali tar-ragel meta bdiet tghid li hu dahhalulha gewwa...*' Spjegat li l-minuri bdiet tirreferi ghal parti taghha bhala '*sorm*', tghid li '*bdiet tghidilna ezempju s-sorm ta' quddiem u s-sorm ta' wara...*' Tghid li kien sar rapport mill-kollega taghha lil Vice Squad.

In kontro-ezami spjegat li rcevew referral mill-Iskola u mbaghad il-kollega kienet ila ammont ta' zmien '*tipprova taghmel kuntatt mal-iSkola biex tara jekk it-tifla m'attendietx l-iSkola pero' kien hemm zmien sostanzjali fejn it-tifla kienet absent u mbaghad konna gejna nfurmati li fis-26 tkenet marret l-Iskola u ahna morna l-Iskola fejn iltqajna mat-tifla l-ewwel darba*'. Spjegat li '2'6 qed tirreferi ghal April ta' din is-sena. Mistoqsija jekk indunatx li l-minuri ghandha xi problemi wiegbet li '*..Omissis anke mill-features taghha tidher li ghandha Down Syndrome pero' meta bdejna nitkellmu maghha fuq certi affarijiet anki fejn jidhlu l-affarijiet ta' abbuz kienet konsistenti u kienet anke deciza f'li bdiet tghid*'. Spjegat li huwa fatt li l-minuri ghandha Down Syndrome pero din ma teskludiex li setghet ghaddiet minn abbuz. Mistoqsija ghala ma semmietx fix-xhieda taghha li l-minuri ghandha down syndrome spjegat li '*ghax m'huwiex il-main focus li hi ghandha dizabilita' jigifieri l-main focus huwa d-disclosure taghha...*'

Mistoqsija jekk ghandhiex specjalita dwar Down's spjegat li ghamlet tlett (3) snin tahdem Agenzija Sapport bhala Social Worker, Agenzija li tahdem specifikament ma' persuni b'dizabilita fejn fosthom kellha clients li ghandhom Down Syndrome. Mistoqsija dwar kwalifika akkademici fuq down syndrome tghid li le ma ghandhiex. Ikkonfermat li ma ghamlet l-ebda stharrig akkademiku dwar kif ghandha tigi '*nvestigata, interrogata, handled*' tifla b'downs. Tghid li ilha tahdem mal-Appogg ghal sena u tmien xhur, qabel April kienet ila sena u tlett xhur. Spjegat li ila hames (5) snin gradwata u tliet (3) snin bil-warrant. Ikkonfermat li nnutat li l-minuri ghandha speech defects, tghid li meta kelmet il-minuri kienet fil-prezenza tal-kollega taghha biss. Mistoqsija dwar li fix-xhieda taghha bdiet issemmi '*Omissis*', spjegat i '*Omissis, Omissis biss*'. Tghid li dejjem Omissis qalet. Mistoqsija jekk semmietx lil certu Simon, tghid li ma tiftakarx u tikkonferma li certa. Mistoqsija haditx notamenti spjegat li ta' certu affarijiet u li ma jaghmlux recording . Mistoqsija kemm ghandha zmien il-

minuri tghid li kellha tmien (8) snin, dwar l-eta' mentali tghid li ma ghandhiex dik l-informazzjoni.

Tikkonferma li interview ma' down syndrome huwa delikat hafna. Tispjega li '*Ahna nircievu training ukoll anke kif ghandna nikwexcinjaw fejn hemm kazijiet ta' sexual abuse jigifieri*'. Spjegat li '*noqghodu attenti li ma naghmlux la leading questions, la suggested jigifieri dejjem konna open ended questions biex ovjament ma nissuggerux*'. Dwar ix-xabla, tghid li ma semmietx maghhom izda semmiet mal-iskola qabel. Tghid li '*dejjem semmiet jew subgha jew il-parti genitali. Ma rreferietx bhala parti genitali irreferiet bhala sorm jigifieri*'. Tghid li qalet sorm u li '*irreferiet ghal subghajh meta beda juza subghajh u mbaghad fejn jidhol.*' Tispjega li hi qed tghid x'qalet it-tifla lilhom.

Spjegat li '*..jien qed nirreferi ghal parti genitali tar-ragel pero' ghidtha ukoll li t-tifla bdiet tirreferi bhala s-sorm imma bdiet turina jigifieri anke fuq l-istampa bdiet turina li jekk qed tirreferi ghal warrani biex turina fl-istampa u jekk qed tirreferi ghal parti genitali bdiet turina l-istampa ukoll*'. Qalet li ma pingietx, u lanqas ma ghamlet arrow jew kitbet fejn qed tirreferi izda tghid li responsabbilta taghhom li jiktbu biex jaraw li qed jiftehmu.

Fis-seduta ta' nhar it-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed ukoll **Joseph Antoncich** li qal li huwa Service Area Leader tas-Servizz ghall-Harsien tat-tfal. Spjega li '*Xoghli bazikament huwa parti minnu huwa amministrattiv jigifieri niehu hsieb kazijiet li jigu allokati ghand Social Workers, ix-xoghol li jaghmlu fuq dak il-kaz u mbaghad wiehed konsultattiv jigifieri nikkonsulta maghhom fuq il-kaz li jkunu qeghdin jhdmu fuqu, nigwidahom u flimkien nahsbux fuq pjan ta' azzjoni skond il-kaz li jkun.*'

Dwar *Omissis* spjega li l-kaz wasal ghandhom fit-tlieta (3) ta' Marzu ta' din is-sena, jigifieir tas-sena elfejn u sittax (2016). Jghid li kien '*hemm concern minn din it-tifla minhabba l-imgieba li kienet qed tesebixxi l-iSkola taghha, imgieba sesswali, imgieba li ma kinitx tal-eta' taghha ta' tifla ta' 8 snin*'. Spjega li bhala dettalji semmew li kienet qed tmiss il-parti privata taghha, tghid li ghandha ugigh fil-parti genitali taghha, pruvat

tmiss tfajliet ohrajn, tghollilhom id-dublett u tmissilhom il-parti genitali taghhom. Jghid li jekk mhux sejjer zball kienet anke pruvat iddahhal oggetti il-parti genitali taghha. Jghid li '*Prima Facie din l-informazzjoni kienet tidher serja bizzejjed biex ahna ninvestigawha allura jiena appuntajt haddiema Socjali beix tahdem fuq dan il-kaz.*' Jghid li ghadda perjodu ta' zmien mhux hazin ghaliex mill-informazzjoni li ghandhom mill-Iskola, t-tifla ma kinitx qed tattendi l-iskola ghal perjodu twil, kien hemm holidays u mbaghad lejn l-ahhar ta' April is-sitta u ghoxrin (26) ta' April ta' din is-sena irnexxielhom jaghmlu vizta l-ewwel darba l-iskola tat-tifla. Jghid li '*Ghamilniha b'dan il-mod u mhux infurmajna l-genituri ghar-raguni illi kellna dubji serji li seta*' *kien hemm abbuz fid-dar fir-residenza minghand xi hadd vicin tat-tifla.*' B''*dubji*' ried ifisser '*suspett*'. Jghid li kellhom informazjoni li l-persuna setghet kienet jisimha Omissis pero' dik kienet l-informazzjoni li kellhom s'issa. Jghid li lanqas kienu jafu li kien missierha f'dak il-punt ghaliex l-Iskola kellhom record li juru li missier it-tifla kellu isem differenti. Jghid li baghat is-social workers, jghid li kellhom raguni bizzejjed biex ihossu li dan kien kaz iktar serju milli kien irraportat iktar qabel allura ghamlu rapport lil Pulizija biex tkompli tigi investigata. Jispjega li hu ma intervenix direttament fuq il-kaz, ma tkellimx mat-tifla u lanqas mal-ebda mill-genituri u lanqas l-iskola. Jghid li xoghlu direttament mal-haaddiema socjali, suervizjoni tal-haddiema socjali appuntati direttament li qeghda tahdem fuq il-kaz, jghinha u jigwidaha fuq il-passi li ghandha tiehu, jghid li '*fil-fatt l-idea kienet tieghi propja li nipproponi li l-kaz jitkompla mal-Pulizija.*'

Spjega li '*Ix-xoghol tieghi mbaghad anki nigwida lil haddiema Socjali ta' x'tip ta' questioning jistghu jistaqsu, il-metodi li jistghu juzaw, l-assessments illi jaghmlu mat-tfal pero' that's parti minn xoghli in generali jigifieri naghmel fuq kull kaz ma' haddiema Socjali*'. Jghid li s-supervizjoni huwa wiehed konsistenti hafna, jiltaqa mal-haddiema socjali darba kull gimghatejn, kull 3 gimghat. Fis-sessjoni jaraw il-kazijiet kollha, kull dettal ta' kull kaz, jaghmlu dissection twila tal-kaz. Jahdem b'open door policy li jistghu jigu kemm iridu u jikkonsultaw fuq liema kaz iridu meta jinqala l-bzonn.

In kontro-ezami ikkonferma li huwa baghat liz-zewg tfajliet. Ikkonferma li ma ghandux specjalizazzjoni akkademika fuq down's children izda hadem ma tfal b'dizabilita u anke ma persuni b'downs. Spjega li l-ispecjalizzazzjoni akkademika tieghu hija xoghol mat-tfal, xoghol mal-familja, gradwa BA Hons in Social Work, Masters fis-Social Work u Post Grad Diploma in Psychotherapy. Ikkonferma li specjalizza f'Social Work. Ikkonferma li jzomm constant bejn gimghatejn u tlieta u li hemm sistemi ohra. Jghid li huma jiehdu noramenti, '*Li jridu jiktbu testwalment jigifieri kelma b'kelma ta' x'tghid tifel jew tifla no dik ma ssirx, dik ma hijiex*'. Jghid li mhux parti mix-xoghol taghhom. Jikkonferma li ma jghidilhomx jaghmlu hekk. Spjega li '*Il-karti li juzaw, kull oggett hijiex pupa, hijiex drawing tkun li tkun issir biex tikkonferma xi haga abbuz, diskors li jkunu qalu t-tfal. Jigifieri meta per ezempju ghax naf illi f'dan il-kaz specifiku ntuza tpingija ta' tfal minn wara u minn quddiem u ta' adulti jkunu gharwenin jigifieri minghajr hwejjeg dawk jintuzaw bhala metodu ta' konferma jigifieri t-tifla f'dan il-kaz tkun qalet jiena grali hekk fil-parti privata tieghi, tuza kelma partikolari jew whatever it is u t-tifla tigi mitluba all right tista' tindikali jekk joghgbok fuq il-karta ghal liema parti qed tirreferi. Just bhala konferma biex ahna nikkonfermaw li huwa dak li qed tirreferi ghalih.*' Mistoqsi jekk it-tfal jindikawx b'lapes, crayon peress li diagram huwa zghir, jispjega li id-diagram huwa pjuttost kbir. Jghid li s-swaba tat-tfal huma pjuttost zghar u jistghu jippuntaw ghal oggett partikolari. Mistoqsi juzawx lapes, crayon, biro biex jindikaw it-tfal jghid li mhuwiex dejjem li juzaw oggetti hekk u mistoqsi jekk huwa preferibbli jghid li '*Huwa preferibbli, nimmagina li jkun preferibbli, gieli ntuzat. Jiddependi c-cirkostanza ukoll. Jiddependi t-tfal kif qed ihossuhom fil-mument ukoll*' Jikkonfermaa li gieli jsaqsu lil headmistess jew teacher xi hadd familjari biex ikun prezenti izda mhux dejjem, jispjega li skond x'jixtiequ t-tfal, jimxu fuq l-opinjoni u x-xewqat taghhom. Jekk it-tifla tindika li tixtieq lil xi hadd prezenti huma jdahlu persuna. Mistoqsi '*When they are vulnerable it is even more advisable to have someone familiar ?*' wiegeb li '*Nahseb kull tifel u tifla li niltaqghu maghha jkunu vulnerabbli jigifieri nahseb tkun idea tajba dejjem jekk ghandek dik il-persuna li tista' taghmel dak l-irwol ukoll*'. Jghid li ma jsirix audio recordings tal-intervisti. Jikkonfrma li qatt ma ltaqa mat-tifla u fuq suggeriment li '*int fuq li smajt li qalulek*' wiegeb li naturalment dak huwa l-irwol tieghu.

Gie prezentat certifikat tat-twelid tal-minuri.

Fis-seduta ta' nhar id-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) **PS 153 Lydon Zammit** b'referenza ghal a fol 16 huwa gharaf id-dikjarazzjoni ta' tal-avukat, tal-parir legali. Huwa gharaf il-firma tieghu, ta' PC 101 u tal-Ispettur Paula Ciantar. Jghid li dan id-dritt inghata fl-erbgha (4) ta' Mejju. Jiftakar li kienet it-tieni darba li *Omissis* gie mitkellem mill-iskwadra taghhom u dakinhar wara li gie mitkellem gie arrestat fit-tnejn (2) ta' Mejju fejn kien inghata d-dritt tal-parir legali u hadu dakinhar fejn imbaghad ittiehdiltlu statement, kien hassu ma jiflahx u b'hekk ittiehed l-isptar u nghata l-bail. Fl-erbgha (4) ta' Mejju rega' gie l-ufficju u rega nghata d-dritt li jkellem l-avukat imma irrifjuta u rrifjuta li jiffirma kemm id-dikjarazzjoni u kemm l-istatement li ttihditlu fl-erbgha (4) ta' Mejju fl-ufficini taghhom li qieghda a fol 17 sa 23. Jghid li ttiehditlu stamentent mill-Ispettur Paula Ciantar li kien prezenti. Dan ittiehed fl-erbgha (4) ta' Mejju fejn hu gharaf il-firem tieghu, tal-ispettur u fejn irrijuta li jiffirma l-istatement.

Jghid li kien involut fil-kaz ukoll fit-tnejn (2) ta' Mejju fejn kien inghata struzzjonijiet biex imur jarresta lil *Omissis* l-ewwel mir-residenza tieghu fejn ma nstabx fejn imbghad gie infurmat mill-Ispettura li kien mar ghall-allegata vittma *Omissis* fl-iskola. Jghid li kien niezel flimkien mal-kollegi tieghu biex jarrestaw, l-ewwel fuq il-post fl-iskola fejn assigura li t-tifla ghadha hemmhekk fejn ittiehdet fl-ufficcju tal-Head sakemm gew is-social workers flimkien ma' kollegi ohrajn fejn mbaghad kif gie s-Sinjur *Omissis* mar jinfurmah bl-arrest, infurmah fuq xiex u talbu jmur mieghu l-Kwartieri tal-Pulizija fejn hemmhekk inghata d-dritt u jiftakar li kien ha dritt li jiehu parir legali.

Jghid li kien involut meta ttiehdet id-dikjarazzjoni tal-omm fejn l-verzjoni tal-omm ghall-verzjoni waqt l-istatement kienet naqra differenti.

Dwar l-arrest l-iskola spjega li dahal l-iskola jikkonferma li t-tifla kienet ghadha hemmhekk, kellem lil madam, it-tifla giet mal-LSA fl-ufficju tal-Madam fejn stenna hemmhekk mal-kollegi tieghu sakemm waslu s-social workers biex tittiehed it-tifla. Jghid li kif gie *Omissis* hareg fuqu, infurmah li pulizija, infurmah bir-rapport u kollox. Jghid li minhabba c-corma tat-tfal u affarijiet qallu biex jigi fil-gemb, ikkopera, marru fil-gemb tal-iskola, infurmah qallu biex jigi mieghu u ma kellhom l-ebda problema li rikeb fil-karozza u marru.

In kontro-ezami jikkonferma li kien prezenti ghal zewg stqarrijiet ta' *Omissis*, fit-tnejn (2) ta' Mejju u tal-erbgha (4) ta' Mejju. Jghid li waqfu fil-bitha tal-iskola, ikkonferma li fejn imorru il-genituri jigbru t-tfal. Ikkonferma li kkopera mieghu, gie mieghu. Jghid li sakemm kien hemm ma kellimx lil minuri fuq il-kaz fl-ebda hin, qaghad jilghab, intefa bilqeghda hdejha, jghid li karattru tieghu li jilghab mat-tfal u hin minnhom *Omissis* riedet tohrog mieghu u '*tajtha t-tag ghidtilha zzommhieli t-tag tal-pulizija ghidtilha zommhieli ghidtilha ha nerga*' *nigi lura.*'Jghid li dak il-hin kien hemm il-headmistress u l-LSA u kien hemm WPC 186. Jghid li ma kienx prezenti meta giet mitkellma l-minuri, jghid li l-uniku hin li kien mal-minuri kien fl-ufficini taghhom kienet fil-conference room ghax jghid li sfortunatament ma kellhomx dak iz-zmien fejn izommu t-tfal, kienet qed tilghab b'xi pupi tal-playmobil dak il-hin. Mistoqsi kienx ipingilha lil minuri jghid li le.

Fl-istess seduta tad-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet **WPC 308 Kimberley Camilleri** stazzjonata l-Vice Squad li b'referenza ghal fol 27 tghid li hija stqarrija mehuhda fil-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena efejn u sittax (2016) flimkien mal-Ispettur Paula Ciantar lil *Omissis* li gharfet fl-awla. Tghid li nghatat is-solitu twissija.

Fl-istess seduta xehed **PC 1017 Bradley Hili** li b'referenza ghall-istqarrija a fol 24, jghid li kien prezenti, ttiehdet fl-erbgha (4) ta' Mejju u gharaf il-firma tieghi. Huwa gharaf lil imputat.

Fis-seduta tal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehdet **Dr. Mariella Mangion** li spjegat li rat lil minuri *Omissis* fl-erbgha (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016). Il-Qorti kkonfermat li x-xhud giet nominata fl-inkesta u l-Qorti kkonfermat in-nomina. Tispjega li hija konsulent Mater Dei f'paediatrics u li l-area taghha hi *Social Paediatrics, Child abuse, Disadvantage Children*. Spjegat li giet nominata mill-Magistrat Stafrace Zammit minhabba allegat abbuz sesswali u l-informazzjoni li kellha kienu li l-Appogg rcevew rapport li din it-tifla kienet qed turi mgieba sesswali. Tghid li s-social worker kellmet it-tifla u l-pulizija kienu kelmu t-tifla kienet tat rakkont ta' abbuz sesswali u hi kienet mistqosija biex tezaminaha ha tara kienx hemm medical findings. Tghid li ma ghamlitx mistoqsijiet lit-tifla dwar l-abbuz sesswali ghax dak kien diga sar u ma kelliex ghalfejn tistaqsiha. Staqsiet lil omm mistoqsijiet li ghaliha kienu pertinenti biex tara jekk kiennx hemm sinjali ta' trauma, jekk qattx ilmentat b'ugigh fil-parti taghha, jew meta qed taghmel pipi, jew qattx kinitx rat xi demm fil-panties tat-tifla, jew fil-parti tat-tifla. Tghid li Mater Dei hemm innegat. Tghid li kelmet lit-tifla u qaltilha li ha taghmel ezaminazzjoni minn fuq s'isfel. Tghid li '*It-tfila ghandha l-kundizzjoni ta' Down Syndrome allura intellectually hemm you know kienet eh below intel.*' l-Avukat difensur ikkumentat li '*She's a severe Down's.*' Ix-xhud spjegat li '*Severe Down's, kellha medical problems. Li kien tajjeb it-tifla kellha medical problems, she had been operated allura kienet imdorrija hafna ma' tobba ghax kellha kundizzjoni f'qalbha allura kienet you know, hemm, used to doctors.*' Tghid *li 'mela li rajt naqra funny fl-attachment bejn il-behaviour bejn l-omm u t-tifla. L-omm kienet very relaxed u meta saqsejt biex nezamina t-tfial lanqas biss giet hdejn it-tifla. Qaltilha mur, mur ha tezminak it-tabib. Dik rajtha naqra you know, eh, naqra, hemm, kalma zzejjed il-mother fuq dil-haga.*' Tghid li '*it-tifla meta ezaminajtha kienet kalma hafna kif ghidna kwazi too calm very used to being examined. Eh, more importantly fl-ezaminazzjoni tal-parti genitali ma kienx hemm sinjali ta' abbuz. Il-hymen kienet intatta, ma kienx hemm hmura, ma kienx hemm tisfija, il-parti ta' wara kienet normali wkoll, okay. Hemm it-tfial kienet ben mizmuma, thriving well..*'

Spjegat ukoll li '*Hafna drabi more than ninety-five percent (95%) of cases mhux se nsibu sinjali ta' abbuz ghax jiddependi mit-tip ta' abbuz, minn meta ssir l-examination.*

*Ovvjament iktar m'inti ha ddum biex taghmel l-examination inqas m'inti ha ssib sinjali. Hekk l-examination ma kienx daqshekk assaultive li, hemm, nista' nifhem la l-omm qatt ma rat xi demm, qatt ma rat xi tisfija, it-tifla qatt ma kkomplejnjat daqshekk minn xi ugigh, eh, ma jindikax li kien hemm, cioe' mhux ma jindikax, eh, you would not expect li had ssib xi findings ta' abuse ghax ma kienx hemm sinjali ta' trauma. Having said that abuse such as fondling especially if this has passed mhux se jhallilek l-ebda sinjal ta' trauma.*' Tispjega li jekk l-ezaminazzjoni, jekk ratha ezatt dak il-hin forsi ssib xi haga, jekk ghadda z-zmien ma tara xejn. Mistoqsija jekk saqsietiex dwar l-abbuz lil minuri tghid li le li '*kien diga' sar min-nies esperti fil-questioning you know kien hemm is-scial workers, child protection social workers, eh, li ghandhom it-training kif isaqsu d-domandi. Hemm u jien ma kontx il-first point of encounter, le ma kienx hemm, I don't think it was, eh, necessary of me.*' Tghid li l-unika li qalet x'hin qaltilha li se tara minn fuq s'isfel u ppuntatilha, qalet '*le mhux sormi*' u li wara li ezaminata marret fuq ommha u kienet qisha ha taghmel l-istess "*ara ha nezaminak mummy*". Tghid li t-tifla naive pero uriet x'riedet u x'ma riditx. Tghid li '*she copies behaviour as well.*' Ir-rapport gie esebit bhala Dok. MM1. In kontro-ezami tispjega li fir-rapport hemm il-medical findings.

Il-prosekuzzjoni prezentat sentenza immarkata bhala AD 1 u estratt mill-att tat-twelid tal-minuri.

Fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena ellfejn u sbatax (2017) xehed **PC 101 Ruznai Gaffarena** b'referenza ghal a fol 16 jghid li huwa dokuemnt li juri r-rifjut tal-Avukat fejn kien prezenti u gharaf lil imputat. Huwa gharaf il-firma tieghi, tas-Surgent u spjega li l-imputat ma ffirmax id-dikjarazzjoni.

Fis-seduta ta' nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehdet **Stephanie Deguara**, School Counsellor mas-Segretarjat tal-knisja, tahdem f'erba (4) skejjel, wahda minnhom hija *Omissis* u tkun hemm darba fil-gimgha. Tghid li ma tkunx hemm kuljum u kienu nfurmawha li *Omissis* kienet qed tghid xi kliem u taghmel xi mossi li kienu qishom kellhom konnessjonijiet sesswali oltre l-eta' taghha. Tghid li taghthom parir li jikkuntatjaw ic-child safety services biex jaghtuhom parir

kif l-ahjar jimxu. Tghid li Miss Marion il-Head of School kienet infurmathom li kien instema' dan il-kliem u x-xhud tat parir lil Miss Marion ukoll. Tghid li kunjom il-minuri huwa *Omissis*. Tghid li '*Jiena kont kellimtha darba ghaliex jiena meta Miss Marion il-Head cemplet ic-child safety services tawha parir illi jiena bhala school Counsellor inkellimha kemm biex nara ftit min hemm id-dar u qisu speci ta' xi jsir id-dar. Jiena kont mort l-iSkola, kont hadt ftit hin ma' Omissis u kont speci ta' jiena nuza t-toys ukoll kien hemm dolls house u hekk u speci ta hi bdiet tilghab bit-toys u saqsejtha x'hemm. Hi qaltli li toqghod mal-mama taghha u ma' Omissis u ghidtilha jekk hemmx nies ohrajn u semmietli Clifton u zewg tfajliet ohra li jiena hsibt li forsi jistghu jkunu xi ahwa. Pruvajt nara naqra fil-hin li kelli x'kienet taghmel u hi qalet qisu ma Clifton kienet tilghab u dak li hareg f'dakinhar.*' Tghid li dik kienet id-darba li kellimtha. Tghid li kienet taraha fil-kuritur u kienet ixxejjer. Tiftakar li lejn l-ahhar tax-xahar imma ma tafx ta' liema xahar. Mistoqsija kienx hemm xi diskors jew agir iehor li nnutat partikolari fl-minuri tghid li le kienet qed tiehu gost tilghab bid-dolls house u bit-toys u ma rat xejn li kellu x'jaqsam ma' dak li qalulha. Tghid li ma kintix session essagg imma xi ghaxar (10) minuti maximum kwarta. Tghid li ma kienx biex tara x'gara imma tifhem min hemm id-dar u ftit xi jsir id-dar. Tikkonferma li ma semmiet xejn aktar.

In kontro-ezami tikkonferma li ma ghamlet l-ebda allegazzjoni fil-konfront ta' missierha.

Fl-istess seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehdet **Antonella Valcella** li qalet li hi Assistent Head *Omissis* li tispjega li kienet ghaddejja mill-ufficju tal-Head Mistress Miss Marion u kien hemm LSA b'tifla ikelmu lil Miss marion u qaltilha li ahjar toqghod hemm halli tisma' x'inhu jintqal ukoll. Tghid li kien hemm din it-tifla kienet mugugha. Tghid li mhijiex certa meta kien imma tahseb li Frar tas-sena li ghaddiet. It-tifla kienet *Omissis* li '*kienet tghajjat kwazi mugugha crouching mal-art u bdejna nsaqsuha xi gralha u qaltilna illi xi hadd Omissis ma konniex nafu min hu, xi hadd Omissis dahlilha xabla u bdiet turina*'. Tghid li bdiet taghmel sinjal ghal parti taghha. Tghid li staqsietha x'inhi din ix-xabla jekk tkunx go kexxun u qalet le u bdiet tghidilhom id-daqs, 15cm. Tghid li darba

ghamlitilhom b'idejha. Bdew isaqsuha min hu Omissis u baqghet tirrepeti dawn l-affarijiet. '*Miss Marion qaltilha, il-Head mistress sorry qalitlha pingili x-xabla u pingitilha xi haga fuq karta ratha hi imma baqghet tirrepeti l-istess affarijiet. Imbaghad xi kultant terga' tinzel mal-art tibki cemplu lil mummy, gibu lil mummy ghax kienet mugugha*'. Mistoqsija jekk gieli kellha esperejenza hekk qabel l-iskola tghid li ma tafx dwarha.

In kontro-ezami, mistoqsija meta bdiet tindika l-parti privata fejn kienet mugugha jekk bdiet tindika '*From the front or from underneath*' wiegbet '*From underneath*'. Mistoqsija jekk rawx kelliex xi haga hemmhekk wiegbet li ma jistghux jarawlha huma. Mistoqsija jekk gabuliex tabib wiegbet li sa fejn taf hi il-Head Mistress cemplet lil ommha biex tohodha ghand it-tabib. Ikkonfermat li bdiet tghid li mugugha, semmiet xabla. Tghid li t-tpingija ratha u tghid li ma kinitx bhala xabla, tghid li ma ratx it-tpingija hi stess imma hi u taghmilha rat xi haga. Tikkonferma li ma ratiex kompluta '*the finished product*'.

Fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehdet **Carmen Farrugia**, Assistent Head l-iskola *Omissis*, tghid li ma taf xejn fuq il-kaz. Ikkonferma li taf lil *Omissis* bhala studenta. Xehdet dwar '*envelope ili l-mama ta' Omissis tatuli u qaltli dan biex tghaddih lil Head*', u tghid li poggietu fuq id-desk tal-Head izda ma tafx x'fih. Tikkonferma li l-minuri ghada studenta l-iskola u tahseb li bhal issa regolari tigi. Ma tafx jekk Miss Marion ircevitux dan l-envelope.

Fis-seduta tas-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-imputat iddikjara li ghazel li ma jixhidx u li ma ghandux provi xi jressaq.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti huma s-segwenti:

1. Il-minuri, dak iz-zmien tifla ta' tmien (8) snin ghandha l-kundizzjoni ta' Downs syndrome;

2. LSAs kienu innutaw certu *sexualised behaviour* fl-agir tal-minuri li kienu l-ewwel assocjawh mal-kundizzjoni ta' Downs syndrome;

3. Illi kien hemm episodju fejn il-minuri pruvat iddahal cone tal-PE fil-parti privata taghha;

4. Illi sussegwentement f'gurnata partikolari l-minuri l-iskola ilmentat b'ugigh fil-parti genitali taghha u riedet tmur id-dar;

3. Illi din il-minuri bdiet tipponta lejn il-parti genitali taghha li hi tirreferi ghaliha bhala 'sormi' u tghid li Omissis kien dahlilha xabla;

5. Illi wara dan, l-iskola rreferiet il-kaz lil haddiema socjali tal-Agenzija Appogg;

6. Illi l-haddiema socjali ltaqghu mal-minuri fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn wara li tkellmu mal-minuri, rreferew l-kaz lil Vice Squad;

7. Illi l-Pulizija fethu Inkjesta Magisterjali fejn gew mahtura esperti u l-imputat tressaq b'arrest qabel ma nghalqet l-Inkjesta Magisterjali;

8. Illi gew mahruga l-imputazzjonijiet indikati fil-konfront tal-imputat.

L-appellant l-Avukat Generali fl-appell tieghu jissottometti li jezistu bizzejjed provi sabiex lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, l-imputat jinstab hati tal-akkuzi li minnhom gie erronjament illiberat. L-ewwel aggravju jirrigwarda l-ammissibilta' o meno tax-xhieda tal-minuri *Omissis*.

L-appellant jiprovdi li '*fil-proċeduri odjerni, meta wieħed janalizza l-atti proċesswali, senjatament il-video conference li matulha xehdet il-minuri ta' tmien snin Omissis, wieħed jara li fil-bidu tal-istess, il-Maġistrat tgħidilha hekk- "Isma' inti taf xi tfisser jekk tagħmilli pinky promise li ħa tgħid il-verita'" Omissis immedjatament twieġeb "Iwa". Il-Maġistrat terġa- "Ijja, nagħmlu pink promise?" u Omissis terġa twieġeb "Iwa". U aktar il-quddiem, il-Maġistrat terġa ttenni- "Mela, għamiltli pinky promise, ħa tgħħidli l-verita'? Promise, promise, promise, hux?" u Omissis twieġeb "All right, all right". Għal din l-affermazzjoni da parti tal-minuri, umbagħad il-Maġistrat qaltilha "Promise, brava".*

L-Avukat Generali fl-appell tieghu jissottometti li l-Qorti kienet konvinta li l-minuri kienet taf id-differenza bejn il-verita' u l-gideb u filfatt ipprocediet sabiex tkompli bl-

ezami tax-xhud. Jissottometti li kieku l-Qorti kellha dubju fuq jekk il-minuri kinitx kompetenti jew le, kieku kienet tiddiferixxi l-kawza ghal darb'ohra jew tiddikjara mal-ewwel tali xhud bhala inkompetenti. Jissottometti li l-Qorti ghazlet li tghaddi sabiex tisma' x-xhieda tat-tifla fl-intier taghha. Jghid li kien biss wara li semghet il-psikologi jespletaw l-inkarigu moghti lilhom li l-Magistrat bidlet l-hsieb dwar il-kompetenza o meno tal-istess xhud minuri.

Ghall-appellant l-Avukat Generali, meta l-Magistrat kienet ser tibda tezamina lil minuri hija kienet sodisfatta li din il-minuri kienet fehmet li huwa skorett li taghti xhieda falza u procediet biex tisma' li kellha xi tghid il-minuri. Ghall-appellant Avukat Generali, il-minuri hija xhud ammissibli u kompetenti *ai termini* tal-ligi u x-xhieda moghtija minnha ghandha tittiehed in konsiderazzjoni meta wiehed jannalizza l-assjem tal-provi prodotti.

Din il-Qorti tibda' billi taghmel referenza ghall-artikoli fil-Kodici Kriminali li jirrigwardaw min hu xhud kompetenti. L-artikoli 629 u 630 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu:

*629 (1) Kull min hu f'sensieh jista' jinġieb bħala xhud, jekk ma jkunx hemm xi eċċezzjoni kontra l-kompetenza tiegħu.*
*(2) Il-qorti tfisser lix-xhud l-importanza tal-ġurament, meta jkollha dubju jekk ix-xhud, minħabba l-età jew għal xi raġunijiet oħra, jafx b'dik l-importanza; u jekk, għalkemm tagħmillu dan it-tifsir, il-qorti jkun jidhrilha meħtieġ illi x-xhud, qabel ma jixhed, għandu jiġi mgħarraf aħjar fuq il-konsegwenzi ta' xiehda falza, hija tista', jekk fil-fehma tagħha x-xiehda ta' dak ix-xhud tkun importanti għall-finijiet tal-ġustizzja, tħalli l-kawża għal ġurnata oħra, u, jekk dan il-każ jiġri fil-Qorti Kriminali, tħoll il-ġuri.*

*630. Ħadd ma jista' jiġi eskluż milli jixhed minħabba li ma jkollux xi età partikulari; hu biżżejjed illi l-qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, għalkemm mhux tal-età, jaf illi hija ħaġa ħażina li wieħed jixhed il-falz*

Illi l-minuri meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti kellha tmien (8) snin. Kif tiprovdi l-ligi, persuna ma tistax tigi eskluza milli tixhed minhabba li ma jkolliex eta' partikolari. Ma hemm l-ebda dubju li l-Ewwel Qorti f'hafna kawzi semghet diversi minuri jixhdu u qieset tali minuri bhala xhieda kompetenti. Filfatt f'kawzi fejn hemm allegat abbuz sesswali, ix-xhieda principali tkun dik tal-minuri. F'dawn il-kawzi jixhdu wkoll esperti li jixhdu dwar dak li l-minuri tkun irrakontat lilhom u xi drabi jigu mahtura esperti mill-Qorti jew mill-Magistrat Inkwirenti biex jirrelataw r-rizultanzi taghhom, kemm f'dak li jirrigwarda dak li kkonstataw mill-agir tal-minuri u f'xi waqtiet anke rizultanzi medici.

Din il-Qorti sejra tibda milli taghmel referenza ghat-tghallim gurisprudenzjali dwar l-ammmissibilta' o meno ta' xhud u sejra wara tikkunsidra jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment tasal ghal konkluzjoni dwar li l-minuri mhijiex xhud kompetenti. Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija Vs Giuzeppi Bonnici**'[3], il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkunsidrat li:

*'Skond il-Liġi Maltija (art. 626 Kap. 12)[4], ħadd ma jista' jiġi eskluz milli jagħti x-xhieda tiegħu minħabba li ma jkollux xi eta' partikolari. Iżda, tkompli tgħid il-Liġi ta' Malta, hemm bżonn li l-Qorti tkun soddisfatta illi x-xhud, għalkemm mhux ta' l-eta, jaf illi hija ħaġa ħażina li wieħed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll liġi (art. 625)[5] illi meta l-Qorti, minħabba l-eta' tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l-importanza tal-ġurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha meħtieġ illi x-xhud, qabel ma jixhed, għandu jiġi nfurmat aħjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista' jekk fil-fehma tagħha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, tħalli l-kawża għal ġurnata oħra;*

*Il-Liġi Ingliża ssegwi (salv dak li sejjer jingħad 'il-quddiem) l-istess prinċipju, "No precise age", jgħid it-**Taylor** (On Evidence, p. 985), "is fixed by law within which children are absolutely excluded from giving evidence on the presumption that they have not sufficient understanding. Nor can any precise rule be laid down respecting the degree of knowledge and*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu, 1949
[4] Illum l-artikolu 630 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
[5] Illum l-artikolu 629(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

*intelligence which will render a child a competent witness. In all questions of this kind much must always depend upon the good sense and discretion of the judge. In practice, it is not unusual to receive the testimony of children of eight or nine years of age, when they appear to possess sufficient understanding. But in one case, on an indictment for assaulting with intent to rape an infant, certainly under seven years of age, and perhaps only five, all the judges held that she might have been examined upon oath, if, on strict examination by the Court, she had been found to comprehend the danger and impiety of falsehood. In another case, however, the dying declarations of a child of four years, were rejected, with the observation that, however precocious her mind might have been, it was quite impossible that she could have had sufficient understanding to render her declarations admissible*' (Emfazi mizjuda)

Dik il-Qorti fis-sentenza citata[6] spjegat li '*Il-Maġistrat seta*', *skond il-liġi, jeżamina jekk it-tifla Dolores Butigieg kienetx tista*' *tifhem l-importanza tal-ġurament, u, jekk mhux soddisfatt, jilliċenzjaha bħala xhud inkompetenti.*' Il-Qorti kienet nominat lil Reverendu Kappillan tal-Imsida jew delegat tieghu biex jara jekk tifla li kellha erba' (4) snin tistax tigi istruwita b'mod li tikkomprendi l-importanza tal-gurament. Din is-sentenza ghamlet ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'La Polizia vs. Bartolomeo Mula'</u>**[7] fejn kien intqal '*Che la ragione per cui la produzione di Grazio Mula, fanciullo di nove anni, come testimoni, fu dalla Corte suddeta impedita - quella cioe*' *di essere, per la tenerezza della sua eta*', *ignaro della importanza del giuramento- non era soddisfaciente. Secondo la legge, la Corte stessa deve informare il testimonio della importanza del giuramento, quando essa dubita che quel testimonio, per ragione di eta*', *manchi di tali cognizioni; e se, non ostante tale informazine, la Corte creda necessario che il testimonio, prima di depore, sia melio istruito sulle conseguenze di una falsa testimonianza, casa, ritenendo essere la deposizione necessarja per fini della giustizia, puo*' *rimandare il giudizio ad un altro giorno...*'

[6] Is-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu, 1949

[7] Skont is-sentenza citata, 'Il-Polizia vs Bartolomeo Mula' giet deciza fit-22 ta' Frar, 1982.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Louise Calleja) vs. OMISSIS'**[8], gie kkunsidrat li:

'*Il-gurist Taljan **Majno** li, fil-Commento al Codice Penale Italiano, Parte Seconda, (Torino, 3° ed., 1913), jghid hekk:*

*"Non è poi necessario che la corruzione sia immediata: la tenera età della persona con cui furono compiuti gli atti di libidine non esclude il reato, se il ricordo di tali atti è pur sempre idoneo all'effetto della corruzione." (para. 1476, p. 220)*

*Il-Qorti tqis dak li jghid il-Majno bhala validu, izda ghall-finijiet tal-ligi taghna jrid l-ewwel jigi stabbilit jekk ix-xhud de quo huwiex wiehed kompetenti.*' (Emfazi mizjuda)

F'dik is-sentenza, l-Qorti kkunsidrat li:

'*Il-Qorti se taghmel referenza ghal dak li jipprovdi l-**Archbold** dwar ix-xhieda tat-tfal quddiem il-Qrati. Dan mhux ghaliex jorbot lil din il-Qorti b'dak prattikat band'ohra imma zgur l-gherf ta' gudikanti tul medda ta' zmien iservi ta' ispirazzjoni ghal min ikun qieghed jiddeciedi sintendi bir-regoli li japplikaw ghall-pajjizna skont il-ligijiet taghna:*

*All persons of whatever age are competent to give evidence: s.53(1), ante. The evidence of a child will be received unless it appears to the court that the child is incapable of giving intelligible testimony; that is evidence which is capable of being understood: Hampshire [1996] Q.B. 1. The procedure of determining intelligible testimony is the same for children as for adults: s.55. The issue of competence should be dealt with as early as possible, not as an act of "ratification" after the evidence has been given. It is not an issue to be resolved in response to an adversarial examination and cross-examination but is a matter for the court to decide having heard the child in person. In G. v. DPP[1998] Q.B. 919 it was held that the test is within the competence of the court and there is no need for expert evidence unless there are special circumstances, e.g. where a child is mentally handicapped. R. v. MacPherson [2006] 1 Cr.App.R. 30 reviewed the position of child witnesses. If a child can only understand and communicate in a way only his parent can understand, he may not be*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is- 6 ta' Lulju, 2017 (31/2007). Din is-sentenza giet appellata u ghadha pendenti fl-appell.

*competent as a witness but if a child can understand questions put to him in simple English, and is able to give answers the court can understand, he should be allowed to give evidence. This was taken further in R. v. Barker[2010] EWCA Crim. 4, where, in the case of a four-year-old child deemed to be competent, the Court of Appeal held that whenever the competency question is addressed, what is required is not the exercise of a discretion but the making of a judgement of whether the witness fulfils the statutory criteria....'*(Emfazi mizjuda)

Fl-istess sentenza[9], gie kkunsidrat li:

*'Il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l- gurisprudenza citata, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-Notes on Criminal Procedure (pp. 106-107) b'dan il-mod:*

*"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony .... Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intellegence of the witness.*

*"Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*"If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as*

---

[9] Fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Louise Calleja) vs Omissis' deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is- 6 ta' Lulju, 2017 (31/2007). Din is-sentenza giet appellata.

*a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

*"If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that witness as incompetent. It cannot hear him without oath (...).*

*...*

*"Regarding children of tender age the position in England is now, that though he has as yet not learnt the nature of an oath, he may, in criminal cases, give evidence unsworn, if he is of sufficient intellegence and 'understands the duty of speaking the truth'. But the accused is not to be convicted on such evidence unless it is corroborated by material evidence which implicates him.[10]"*

*Jekk wiehed jezamina dak li tghid il-ligi fl-imsemmija artikoli 629 u 630 tal-Kodici Kriminali, dak li tghid il-gurisprudenza u dak li jghid Sir Anthony Mamo fir-rigward ta' dawn id-disposizzjonijiet u anke dak li jghid il-gurist Taljan Luigi Majno citat mill-prosekuzzjoni, jista' jigi facilment dedott li ghalkemm ir-regola generali hi li l-età tax-xhud ma hijiex ta' ostakolu ghall-kompetenza tieghu, sabiex ix-xhieda ta' dak ix- xhud tkun tista' tittiehed in kunsiderazzjoni mill-Qorti, in kwantu moghtija minn xhud kompetenti, certi kundizzjonijiet fundamentali jridu necessarjament jirrizultaw.*

*Dawn huma:*

1. *Il-Qorti trid tkun sodisfatta li nonostante l-età tax-xhud, huwa jifhem li huwa skorrett li tinghata xhieda falza;*

[10] *Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici, supra, il-Qorti Kriminali kienet qalet minghajr mezzi termini, wara li ghamlet referenza ghall-posizzjoni fl-Ingilterra, li "[f]il-ligi Maltija dan il-poter ma jezistix".* (Din in-nota ta' qiegh il-pagna hija enumerata bhala tnax (12) fis-sentenza citata)

2. *Ix-xhud ghandu jifhem u jaccetta l-obbligazzjoni tal-gurament. Fl- eventwalità li l-Qorti ma tkunx konvinta li x-xhud qieghed jifhem din l-obligazzjoni u l-Qorti thoss li x-xhieda tax-xhud hija importanti, ghandha tiddifferixxi l-kawza ghal gurnata ohra;*

3. *Ix-xhud ghandu jinghata l-gurament u ma tista' tinghata ebda kunsiderazzjoni ghal xhieda moghtija minghajr gurament;*

4. *F'kazijiet tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, fejn l-età tax-xhud hija tenera, irid jigi ppruvat mill-prosekuzzjoni li l-memorja tal-att kommess hija idoneja ghall-korruzzjoni effettiva.*'

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal partijiet mix-xhieda tal-minuri moghtija permezz tal-procedura tal-*video conference*. Jirrizulta car li l-Ewwel Qorti kellha diffikultajiet kbar sabiex il-minuri twiegeb ghal mistoqsijiet li bdew isirilu kemm mill-Qorti kif ukoll mill-Psikologa Dr Carmen Sammut. Filfatt l-istess mistoqsijiet saru diversi drabi, u f'mumenti il-minuri wiegbet mod u f'mumenti ohra wiegbet mod iehor. Dan jirrizulta car mit-traskrizzjoni filwaqt li r-recording tal-video conferencing hija xhieda cara tal-agir tal-minuri. Fl-ewwel parti tax-xhieda tal-minuri, il-Qorti qalet hekk:

'*Qorti: Issa Omissis, ismaghni ghax issa rrid nghidlek xi haga vera importanti, eh.*
*Xhud: Intik daqqa (kliem ma jinfthiemx).*
*Qorti: Isma' inti taf xi tfisser jekk taghmili pinky promise li ha tghid il-verita'?*
*Xhud: Iwa.*
*Qrti: Ijja, naghmlu pinky promise?*
*Xhud: Iwa.*
*Qorti: Ejja hekk, hekk kif taghmilha? Hekk brava, eh u jekk ma tkunx taf tirrispondi.*
*Xhud: Ara ma tmissux.*

*Qorti: Eh, all right.*

*Xhud: Tmissux.*

*Qorti: Tmissux ghax dak taghha l-microphone okay please, okay, Mela ghamiltli pinky promise, ha tghidli l-verita'? Promise, promise, promise hux?*

*Xhud: All right, all right.*

*Qorti: Promise, brava.*'

Wara dan, il-Qorti kif ukoll il-Psikologa Carmen Sammut ghamlu serje ta' domandi semplici, li l-minuri ma bdietx tirrispondi ghalihom tant li barra mis-suggett li dwarhom kienu l-mistoqsijiet bdiet tuza kliem bhal '*Simon*', '*Simon inhobb jiena, lil Simon*'. Kien hemm uhud mill-mistoqsijiet bhal '*Miss Marion il-Headmistress*' li ghaliha wiegbda korrettement '*iwa*' pero fil-maggorparti rrizultat diffikulta kbira sabiex tingibed l-attenzjoni tal-minuri u sabiex hija twiegeb b'mod konkrett ghad-domandi li bdew isirilu. Din il-Qorti taghmel referenza ghal folio 143 (pagna 37 tax-xhieda tal-minuri) fejn meta l-Qorti staqsiet '*...Omissis inti, inti meta jkollok secret ta*'.' il-minuri wiegbet '*Eh iwa*' u meta mistoqsija mill-Qorti '*Omissis isma' meta jkollok secret lil min tghidhom is-secrets?*' wiegbet '*Ix-xoghol, ix-xoghol.*' Mistoqsija mill-Qorti '*Ix-xoghol tghidhom is-secrets?*' wiegbet '*Iwa*'. Mistoqsija '*Biz-zarbun tinhasel?*' wiegbet '*Iwa.*' Meta mistoqsija diversi drabi l-istess regghet qalet '*Iwa hekk*'.

Il-minuri kif jidher folio 168 (pagna 62 tax-xhieda taghha) irreferiet ghall-Ispettur Spiteri bhala Lydon u ma gharfet lil hadd fl-awla meta gew muriha fuq monitor, lanqas lill-imputat. Il-minuri madankollu meta giet muriha sett ta' ritratti, mal-ewwel identifikat lil 'Omissis' fir-ritratt bl-ittra 'G'.

Id-diffikulta kbira li ltaqghet maghha l-Ewwel Qorti waqt ix-xhieda tal-minuri hija evidenti. Tant li fl-istess seduta tal-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) id-difiza talbet in-nomina ta' espert psikjatra tat-tfal sabiex jassisti c-Child psychologist Carmen Sammut. Kemm id-difiza u anke l-prosekuzzjoni qablu li jigu nominati zewg esperti psikjatrici. Ghal dan il-ghan, l-Ewwel Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Dr Jean Pierre Giorgio u Dr Joe Cassar sabiex jitkellmu, jkollhom

sessions mal-minuri flimkien mal-psikologa Carmen Sammut u dan wara li jiehdu konjizzjoni tal-atti processwali nkluz il-video recording tax-xhieda tal-minuri.

Fis-seduta ta' nhar it-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdu Dr Jean Pierre Giorgio, Dr Joseph Cassar u l-Psikologa Dr Carmen Cassar li prezentaw ir-rapport konguntiv taghhom. Dr J Cassar spjega li '*Wara l-laqghat li kien hemm kif ukoll il-video conferencing illi ahna rajna naslu biex nikkonkludi li l-minuri Omissis giet esposta ghall-imgieba u lingwagg li mhux addattat ghal tifla tal-eta' taghha. Omissis hija tifla li ghandha certu diffikultajiet bex tipprocessa l-infromazzjoni li hi tigi esposta ghalih, <u>diffikultajiet li jaghmluha suggestibbli hafna li jkollha tendenza li tirrepeti dak illi hi tisma' u tara u b'mod konkret fil-mod kif taghmel sens mid-Dinja ta' madwarha kif ukoll kif tiprova tikkomunika mal-ohrajn</u>.' (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti). Jispjega wkoll li 'definitely hija suggestible u <u>li ghandha hafna cognitive problems</u> illi allura inti ma tistax timxi direttament fuq dak li tghidlek bhala cause and effect definitely huwa a definite point'.* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti).

F'wahda mill-osservazzjonijiet maghmulha fir-rapport li jinstab a fol 299 et seq tnizzel li:

Fl-istess rapport fis-sezzjoni dwar 'LAQGHAT TA' *OMISSIS* MAL-PSIKOLOGA' gie spjegat li '*Omissis giet 'diagnosed' bil-kundizzjoni 'Down's Syndrome', <u>u qed tiffunzjona f'eta intellettwali li hija hafna inqas minn dak li tistenna minn tifla ta' dik l-eta... Barra minn dan, hi tidher li ghandha diffikultajiet sinifikanti fil-kommunikazzjoni, u fl-attenzjoni wkoll, kif ukoll hija suggeribbli hafna</u>. Dawn l-aspetti ghamlu l-ezami ta' OMISSIS iktar difficli, u holqu ostakkli biex wiehed ikun jista' jasal ghal dak li forsi kienet qed tipprova tfiehem il-minuri.*' (Sottolinear mizjud)

Ikkunsidrat;

Skont l-appellant Avukat Generali l-ewwel parti tax-xhieda tal-minuri ossia meta l-Qorti ghamlet referenza ghal 'pinky promise' kienet bizzejjed biex tikkonferma li l-

minuri tifhem x'inhu gurament. Din il-Qorti hi tal-fehma li dak li bhal donnu l-minuri tat x'tifhem x'inhu pinky promise bl-ebda mod ma jfisser li hi fehmet l-obbligi li jgib mieghu gurament, li taf li huwa skorrett li tixhed falz u l-konsegwenzi ta' xhieda falza. Lanqas ma jirrizulta li l-Ewwel qorti bidlet fehmtha biss wara li semghet l-Psikologi jespletaw l-inkarigu. Fl-ewwel lok, l-Qorti semghet ukoll Psikjatri mahtura mill-Qorti u semghet hi stess lil minuri, fejn mir-recording jirrizulta car li bl-ebda mod ma tista' tikkunsidra li l-minuri fehmet x'inhu gurament u r-riperkussjonijiet jekk ma tghidx il-verita.

Ghalkemm il-verbal tas-seduta ta' nhar l-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) jipprovdi li '*Xehdet bil-Gurament Omissis bil-procedura tal-video conferencing*', jirrizulta ampjament car mit-tghalim gurisprudenzjali, mill-Professur Mamo, minn dak li kkonstataw l-esperti psikajtrici mahtura mill-Ewwel Qorti u l-psikologa u mix-xhieda u l-agir tal-minuri stess, li l-minuri ma tissodisfax il-kriterji ta' xhud kompetenti. L-Ewwel Qorti certament li ma setghetx issib li x-xhud hija kompetenti abbazi biss li ghamlet 'pinky promise' filwaqt li l-fatt li l-Qorti pprocediet biex tisma' lil minuri wara li saret il-'pinky promise' bl-ebda mod ma jista' jittiehed li hija qieset ix-xhud bhala kompetenti.

Kif tajjeb osservat u kkunsidrat l-Ewwel Qorti '*Id-difiza tirritjeni li huwa pjuttost evidenti li l-minuri koncernata kemm minhabba kundizzjoni taghha kif ukoll minhabba l-mod kif wiegbet ghad-domandi u l-mod kif agixxiet waqt il-videoconference li hija ma setghetx tifhem xi tfisser li tghid il-verita' u x'inhuma il-konsegwenzi li ma tghidx il-verita'*.

*Illi din il-Qorti taqbel ma din is-sottomissjoni maghmula mid-Difiza u tispjecifika li din kienet ir-raguni principali il-ghala ddecidiet li tinnomina lill-esperti psikjatrici sabiex jisimghu u jezaminaw lill-minuri u jirreletaw dwar ir-rizultanzi taghhom.*

*Illi kif indikat aktar il-fuq l-istess esperti fix-xhieda taghhom indikaw li l-minuri ghandha cognitive ability ta' tifla ta' sentejn u ghalhekk dan zgur ifisser li din it-tifla ma tistghax tifhem x'inhuma il-konsegwenzi li wiehed ma jghidx il-verita' u certament ma tistghax*

*titqies bhala xhud kompetenti u ammissibli skond ma jindikaw l-Artikoli tal-ligi li saret referenza ghalihom aktar il-fuq.'*

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qieghda tichad l-ewwel aggravju tal-appellant l-Avukat Generali.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi da parti tal-Ewwel Qorti. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li "*...ma jistghax jitqies li kien hemm konsistenza f' dak li rizulta waqt il-videoconference, qabel u wara jew li jista' jitqies li minn dak li qalet wiehed jista' jikkonkludi fuq livell ta' kull dubju dettat mir-raguni li kien hemm xi forma ta' abbuz sesswali li sar fuqha mill-imputat*". L-appellant Avukat Generali ma jaqbilx mar-ragunament tal-Ewwel Qorti u jemmen li mill-provi prodotti fil-kaz, il-minuri kienet dejjem konsistenti fil-verzjoni taghha li l-imputat abbuza minnha sessswalment. L-appellant ma provda l-ebda dettalji partikolari ta' fejn hass li kien hemm apprezzament hazin tal-provi izda strah fuq il-provi traskritti fl-atti processwali.

Kif irritenew il-Qrati ta' Malta, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal għal konkluzjoni li waslet ghaliha. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca</u>**[11] :

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx*

[11] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)

*ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[12]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [13]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[14]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[15]" u ohrajn.'* (Emfazi mizjuda u dati tas-sentenzi miktuba bhala referenza hawn isfel fin-noti ta' qiegh il-paġna)

Il-Qorti kompliet tikkunsidra:

*'Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn* ***LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY*** *fil-kawza "**R. v. Cooper**"[16] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968)* (Dettalji dwar din il-kawza kif citata fl-appell citat jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna*):-*

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE**[17]). (Referenza tal-kawza miktuba aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

L-istess sentenza kompliet tikknsidra:

*'Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**"[18],*

[12] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994;
[13] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989;
[14] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991;
[15] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991;
[16] [1969] 1 QB 276
[17] (1991) , p. 1392
[18] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994;

*inghad illi :-*

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta .... , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l- apprezzament".* (Referenza tal-kawza miktuba aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

L-Ewwel Qorti kienet fl-ahjar pozizzjoni biex tevalwa l-provi prodotti inkluz ix-xhieda li xehdu, b'mod partikolari l-komportament tal-minuri. F'dan il-kaz partikolari, l-LSA tal-minuri kienet innotat certu atteggjament li ghal bidu interpretatu bhala relatat mal-kundizzjoni tad-Down Syndrome izda meta l-minuri pruvat iddahhal cone tal-PE fil-parti privata taghha u wara li anke gibdulha l-attenzjoni LSAs u ghalliema ohra, infurmat lil head of school dwar dan l-agir. Illi wara li l-minuri ilmentat b'ugigh fil-parti privati taghha u meta qalet li dahlilha xabla, l-iskola kienet irreferiet il-kaz lil Agenzija Appogg fejn wara li saret *school visit*, il-minuri kienet fi kliem Alicia Cauchi, haddiema socjali spjegat li '*fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April ghamilna l-ewwel school visit. Hawhekk bhala mod generali t-tifla qaltilna li hi toqghod mal-mummy kif ukoll mad-daddy. Ghall-bidu qisu esplorajna naqra mal-minuri x'gharfien ghandha dwar il-privati u geneti taghha. Hemm il-minuri rreferit ghal sidirha bhala zejziet filwaqt ghall-parti genitali taghha bhala s-sorm. Eh, meta t-tifla kienet kapaci tindika l-parti privati taghha billi tuza gisimha stess. Il-minuri wkoll ghamlet distinzjoni bejn il-mument meta ommha tmissilha l-parti taghha biex tahsilha u meta Omissis sofriet l-allegat abbuz minn fuq Omissis.*' Spjegat li '*Omissis infurmat lis-social workers, lili u l-Katia li Omissis kien missilha l-parti geneti taghha u biex taghmel dan Omissis gholliet id-dublett u ppuntat subajha lejha. Omissis wkoll spjegat li Omissis kien dahhallha subajha gol-parti privati taghha u dan ghamlitu billi poggiet subajha fuq l-istampi tat-tifla minghajr hwejjeg u tellghet u nizlet subajha. Hemm Omissis wkoll qalet li Omissis kien missilha wkoll sidirha u biex ghamlet dan irreferit ghall-istampa u ghamlet subajha fuq*

*sidirha wkol bdiet ittella' u tnizzel. X'hin Omissis rat l-istampa tat-tifel minghajr hwejjeg mal-ewwel gharfet il-parti genitali tar-ragel u ppuntat lejh. Omissis wkoll indikat li Omissis gieli missilha wkoll sidirha bil-parti geneti taghha. Omissis sabitha naqra difficli biex tispjega fejn gara dan l-abbuz pero' hi kienet konsistenti hafna u qalet li dan sar id-dar, li sar fil-kamra tal-banju, li Omissis tefa d-dawl meta kien dan u li ommha kienet qieghda x-xoghol. Hemm, Omissis wkoll kienet qalet li hemm Omissis ukoll kien dahhal il-parti geneti tieghu f'taghha u biex ghamlet dan uzat l-istampi u qalet dahlu gewwa.'*

Il-Haddiema Socjali Alicia Cauchi spjegat li '*..il-minuri kienet hafna konsistenti f'dak li kienet qed tghidilna wkoll tat naqra dettalji mhux hazin u spesifika hafna. Fis-sebgha u ghoxrin (27) ahna bhala Appogg ghamilna kuntatt mal-iskola biex tlabnihom biex ituna naqra certifikati u gie vverifikat li ma kien hemm l-ebda certifikati.*' Spjegat li fit-tnejn (2) ta' Mejju l-Ispettur Paula Ciantar talbita takkompanja l-minuri biex tigbor l-iskola u taghmel l-investigazzjoni taghha. Spjegat li fit-tlieta (3) ta' Mejju tkellmu mal-minuri fil-prezenza tal-Ispettur Paula Ciantar. Spjegat li meta giet mistoqsija jekk qattx kien hemm xi hadd li dejjaqha fil-parti genitali taghha hi wiegbet iwa Omissis. Spjegat li anke staqsewha jekk kienx hemm persuna li missilha l-parti l-fuq ta' sidiriha wiegbet iwa Omissis. Spjegat li anke fil-hamsa (5) ta' Mejju meta l-Ispettur Ciantar talbita biex takkompanjaha biex imorru d-dar tal-minuri biex jaraw jekk hi kinitx qed tgharaf tghid li '*ergajna kellimna dwar il-parti privati taghha u dwar l-gharfien li hi kellha u Omissis kienet aware taghhom. Hemm meta staqsejniha jekk qattx kien hemm xi hadd li dejjaqha n-naha ta' isfel taghha hi qalet iwa Omissis u baqghet tinsisti u meta staqsejniha jekk kienx hemm pesuna li dejjaqha n-naha tal-parti ta' fuq ta' gisimha hi wkollinsistit iwa Omissis u din baqghet tghidha matul il-dik kollha. Hemm meta giet murija ritratti u meta giet mistoqsija jekk il-persuna li kien dejjaqha kienx hemmhekk hi qalet iwa dan hu Omissis.*' Spjegat li fid-dsatax (19) ta' Mejju, Carmen Sammut talbita biex takkompanjaha waqt sessjoni u t-tifla '*bdiet tghajjat u tghidli ara ma tkellimnix fuq sormi..*'

Il-Haddiema Socjali Katia Muscat fis-seduta tat-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) spjegat li kienet attendiet *school visit* wara li rcevew referral mill-Iskola. Hi spjegat li l-minuri '*bdiet tinsisti li s-Sinjur Omissis kien dahhal subghajh fil-*

*parti genitali taghha u anke kienet tellghet id-dublett biex turina kif. Apparti minn hekk qalet ukoll li kien dahhal il-parti genitali tieghu fil-part taghha u wara ukoll ahna konna ghamilna uzu minn tools li nuzaw fix-xoghol taghna fejn urejniha stampa ta' tifla gharwiena fejn it-tifla kkonfermat l-affarijiet, il-partijiet tal-gisem li semmiet fejn ikkonfermat fuq il-karti ukoll. Qaltilna ukoll li s-Sinjur Omissis anke kien miss il-parti...'* Tghid li '*..hi indikat kemm b' subghajha fuq il-karti u anki fuq gisimha stess jigifieri qabdet subghajha fuq id ohra u bdiet taghmel moviment ta' kif sar l-att...'* Mistoqsija mill-Qorti '*Qaltilkom Mr Omissis*' wiegbet '*Hi bdiet tirreferi ghalih bhala Omissis. Dejjem semmitina bhala Omissis ma semmiet ebda terzi persuni ohra u qaltilna kemm b'subghajha jigifieri kif hu beda jaghmel il-moviment tieghu u qaltilna ukoll anke fuq l-istampa qabdet subghajha fuq il-parti tas-sider tat-tifla u qaltilna li kien itella' u jnizzel subghajh fuq il-parti taghha ta' sidiriha u anki mill-parti genitali...*'

L-esperti mahtura mill-Qorti Dr Joseph Cassar, Dr Jean Pierre Giorgio u Dr Carmen Sammut fir-rapport redatt minnhom ikkonkludew li '*Wara il-laqghat li kien hemm, kif ukoll il-'video conferencing', naslu biex nikkonkludu li l-minuri OMISSIS giet esposta ghal imgieba u lingwagg li mhux adattat ghal tifla tal-eta taghha. Omissis hija tifla li ghandha certa diffikultajiet biex tipprocessa l-informzzjoni li hi tigi esposta ghalih, diffikultjiet li jaghmluha suggestibbli hafna, li jkollha tendenza li tirrepeti dak li hi tisma' u tara, w konkreta fil-mod kif taghmel sens mid-dinja ta' madwarha kif ukoll kif tipprova tikkomunika mal-ohrajn. L-aspett politiku li qiesu gie osservat f'dak li forsi kienet qed tghid it-tifla, specjlament fil-'video conferencing', s-suggestibilita taghha biex tirrepeti, il-mod konkret kif hi tipprocessa l-infromazzjoni li tircievi mill-ambjent ta' madwarha, il-fatt li ma deherx li kien hemm xi stati psikologi osservati li setghu jindikaw xi esperjenzi li forsi kienu trawmatici fuqha. Mill-informazzjoni li hemm wiehed ma jistax jikkonkludi li OMISSIS giet esposta ghal xi abbuz iehor barra dan. L-esperti ma jistghux jeskludu li seta' kien hemm xi mumenti fejn l-imputat miss il-partijiet privati tat-tifla forsi waqt hasil jew sitwazzjonijeit simili, imma ma hemmx evidenza klinika li dan sar fuq livell ta' abbuz.*'

Dr Joseph Cassar fix-xhieda tieghu tat-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) spjega ukoll li '*We instigated sexualized behaviour ovvjament ghal mal-pupi and she did not, she didn't even respond to that clue, she continued playing u tghidilna u kompliet*

*ghaddejja. Pero' li kien interessanti nahseb din li qalet Carmen impressjonatni hafna illi din minn 8, 10 pupi 4 Simon, 3 Omissis, 4 l-mama she couldn't distinguish, there was no jigifieri anke hemm din il-haga ta' cognitive problem illi huwa difficli hafna in high site illi tghid dak li tghid u tiehdu bhala benfat fil-kaz taghha. Pero' ha nerga' nghid u nerga' jigifieri d-diskors, l-agir juri li b'xi mod kienet exposed pero' at what level and by whom we don't know'*. Sjpega aktar il-quddiem li *'At this age in a cognitively compromised person you cannot conceptionally say that this is totally sexualized due to abuse. It is sexualized but children of her age can do this type of sexualized behaviiour including self stimullation at no level ikunu qatt gew abbuzati even exposed to any form of abuse'*.

Jispjega li l-kundizzjoni taghha trendiha *'Iktar vulnerabbli uh ghax ovvjament jekk inti titkellem pastaz quddiem tifel li m' ghandux cognitive probem allavolja jixrob u jassorbi xorta ghandu l-fakulta jew ghandha l-fakulta illi tghid isma' din nista' nuzaha hawn din ma nistax nuzaha hawn. Diga' at that age ikunu jafu t-tfal. Din m' ghandiex din il-fakulta allura hi jekk tisma' kelma pastaza ha tirrepetiha, ma taghmilx distinzjoni tghidiex fi Knisja, jekk tghidiex quddiem it-Tobba, jekk tghidiex hawn, tghidiex hemm'*.

Dr Mariella Mangion fix-xhieda taghha ta' nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) *'fl-ezaminazzjoni tal-parti genitali ma kienx hemm sinjali ta' abbuz. Il-hymen kienet intatta, ma kienx hemm hmura, ma kienx hemm tisfija. Il-parti ta' wara kienet normali wkoll...'* Fir-rapport ta' Dr Mariella Mangion mahtura mill-Magistrat Inkwerenti ikkonkludiet senjatament a fol 379:

*'Fl-eżaminazzjoni medika tal-minuri Omissis ma kienx hemm sinjali ta' abbuż sesswali. Il-letteratura medika tgħid illi f'każijiet ta' abbuż sesswali ma tinsabx evidenza medika f'aktar minn 90% tal-każijiet. L-ispjegazzjoni hija li jista ikun illi l-abbuż ma jħallix sinjali ta' trawma fil-ġenitali, jew jista jkun illi t-trawma tfiq malajr u ma tħallix evidenza medika. Fil-fatt il-probabilita li tinstab evidenza hija relatata mat-tip ta' abbuz li jkun sar, u mat-tul ta' żmien jgħaddi minn meta jsir l-abbuż u sakemm issir l-eżaminazzjoni. F'każijiet ta' abbuż sesswali, il letteratura medika tgħid illi l-aktar evidenza ċara dejjem tibqa ir-rakkont li tagħtik il-vittma.'*

Huwa sinifikanti li l-minuri fix-xhieda taghha lanqas ma gharfet lil imputat fl-awla filwaqt li identifikat lill-Ispettur Spiteri bhala Lydon. Ma kintix taf twiegeb min hu *Omissis*, mistoqsija jekk habib taghha l-iskola tghid iwa umbghad tghid le. Mistoqsija fejn ikun l-iskola jew id-dar, wiegbet id-dar. Il-minuri indikat bl-ittra 'G' bhala *Omissis*, wara ftit qalet '*Sormi*' u mistoqsija '*X'ghamillek Omissis x'ghidtli?*' wiegbet '*Sormi, dan ghamilli sormi.*', aktar il-quddiem qalet '*(Kliem ma jinfthiemx) sormi*', mistoqsija '*Misslek sormi*' wiegbet '*Hemmhekk.*' u wara certu mosssi u agir mistoqsija 'G*halfejn qed taghmel hekk b'idejk?*' wiegbet '*Ghax Omissis.*' Tghid '*Le dan Omissis*', '*Ghamilli hekk.*' Mistoqsija meta ghamillha hekk ma setghax jinftiehem x'qalet. Mistoqsija jekk darba jew hafna. Wiegbet li hafna. Mistoqsija jekk *Omissis* biss ghamel hekk kif uriet wiegbet '*iwa ghidtlek*'. Hi identifikat lil *Omissis* f'ritratt iehor. Aktar il-quddiem, mistoqsija '*ghidtli l-kelma zobb x'inhi zobb? Ma nafhiex jiena.*' Qalet '*Ala bieb zobbi.*' Mistoqsija '*X'inhu dan? X'inhu ma nafx jien x'inhu?*' Wiegbet '*Heqq hemmhekk.*' U indikat il-parti privata taghha. Poggiet il-microphone taht il-libsa u bejn l-inforor tal-libsa. Mistoqsija dwar x'jaghmel Mr Bean jghid '*Eh jhobb zobbi bhal sormi barra.*' Mistoqsija Mr Bean ghamel hekk? wiegbet Iwa. Mistoqsi ''*X'jaghmel izjed?*' Wiegbet '*Sormu*'. Qalet darbtejn '*(Kliem ma jinftiehmx) zobbi (kliem ma jinfthiemx) zobbi*', mistoqsija '*Min Mr Bean jghid hekk*? wiegbet '*Iwa*'. Semmiet ukoll Clifton u ma wegbitx ghal mistoqsija min hu Clifton. Mistoqsija jekk Clifton qieghed l-iskola jew id-dar tghid id-dar. Qalet '*Hobbni zobbi, qalbi zobbi, zobbi*', mistoqsija '*Min jaghmel hekk Clifton jaghmel hekk?*' wiegbet '*Iwa Clifton*'. Lejn l-ahhar tax-xhieda taghha waqt li giet mistoqsija lil min thobb iktar id-dar tghid '*Hekk ngholli hekk Omissis*' waqt li tgholli l-libsa u turi l-qalziet ta' taht u dahlet ideja fil-qalziet ta' taht.

Jirrizulta li l-minuri ma kienet konsistenti xejn fit-twegibiet taghha. Mistoqsi dwar dan, Dr Joseph Cassar meta xehed fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejnu sittax (2016) spjega li '*video conferencing nahseb lanqas jiena illi nikkonsidra lili nnifsi normali fil-brackets ghax dina damet siegha u kwart. Persuna b'downs, cognitively impaired, I mean one hour fifteen minute for a video conferencing sitting down not able to touch things, I mean was a test illi she probably passed through it gis-sensilli tifel b' ADHD li m'ghandux downs u li cognitively nt impaired probabbli kien jgholli l-kamra*'. Il-Qorti saqsiet '*le, le all*

*right taqbad l-affarijiet imma kull haga li bdiet taqbad bdiet tipprova'*, wiegeb '*Jien nahseb illi rridu noqghodu attenti li tfal ta' din l-eta' m'hijiex rari ill jkolhom dik li ahna nghidulhom self stimulation meta jkunu frustrated anke meta huma normali. Jigifieri ahna gieli niltaqghu ma' sitwazzjonijiet ma' tfal normali, ovvjament il-genituri jiggennu ghaliex it-teacher tibda tghidilhom isma dawn qeghdin ihokku lilhom infushom il-hin kollu mal-bank...*'

Dr Jean Pierre Giorgio fl-istess seduta spjega li '*U jekk nista' nzid ukoll f'kuntest ta' xi hadd li ghandu dizabbilita intelletwali illi fil-lat ta' zvilup speci lura. Li osservajna fil-play jigifieri ma kien hemm l-ebda hin li kien hemm sexualized play whatsoever jigifieri. Sija meta kienet imhalliha tesperimenta hi bil-pupi u identifikat wahda li hija izghar ohra l-mama avvolja kien hemm hafna li qalet li kienu l-mama u hafna li kienu Omissis eccetra imma sija anke meta ahna forsi pruvajna nintroducu sitwazzjoni fejn forsi hi bil-pupi tista' mbaghad taqbad jekk ikun hemm xi haga u tohodha 'l quddiem. Pero' ma kien hemm fl-ebda hin illi uzat il-pupi b'mod sesswali.*' Dwar il-parti genitali tar-ragel Dr Carmen Sammut tghid li l-minuri qalet '*dan x'inhu*'.

Din il-Qorti ikkunsidrat li anke f'kaz li x-xhieda tal-minuri kellha titiehed bhala ammissibbli u allura l-minuri bhala xhud kompetenti, l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat ossia li l-imputat ippartecipa f'attivitajiet sesswali mal-minuri u li b'eghmil zieni ikkorrompa lil minuri bl-ebda mod ma gew pruvati. Il-prosekuzzjoni ma rnexxielIex tiprova fuq bazi ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li kien hemm xi partecipazzjoni f'attivita sesswali u lanqas ma rrizultaw atti di libidine li waslu ghal korruzzjoni tal-minuri. In oltre, mix-xhieda tal-minuri ma hemm l-ebda referenza ghal data jew perjodu.

Din il-Qorti ghalhekk taqbel mal-Ewwel Qorti fejn iddeciediet li '*Il-Qorti izda temmen ukoll li anki jekk wiehed kellu ghal grazzja tal-argument biss jikkoncedi li din it-tifla kienet qed tifhem xi tfisser li tghid il-verita' fi-mument li dan gie spjegat lilha mill-Qorti, xorta wahda ma jistghax jitqies li kien hemm konsistenza f'dak li rrizulta waqt il-videoconference,*

*qabel u wara jew li jista' jitqies li minn dak li qalet wiehed jista' jikkonkludi fuq livell ta' kull dubju dettat mir-raguni li kien hemm xi forma ta' abbuz sesswali li sar fuqha mill-imputat.*'

Ikkunsidrat ulterjorament;

Minkejja li l-agir u d-diskors tal-minuri hasbu lil LSAs u lid-dirigenti tal-iskola u minkejja li dak li l-minuri qalet lil haddiema socjali wassal biex il-kaz gie riferut il-vice squad fejn umbghad il-Pulizija iddeciedew li ghandha tinfetah Inkjesta Magisterjali u sussegwentement il-Pulizija Ezekuttiva ghaddiet biex tressaq lill-imputat b'arrest qabel ma nghalqet l-inkjesta Magisterjali, b'dak li xehdet il-minuri quddiem l-Ewwel Qorti ma jista' bl-ebda mod jittiehed bhala wiehed konsistenti jew li jikkonferma l-akkuzi migjuba kontra l-imputat. L-Ewwel Qorti gustament tat piz kbir ghal dak li qalu l-esperti psikjatrici f'dan ir-rigward fejn huma spjegaw kif it-tifla tuza l-istess isem sabiex tirreferi ghall-aktar minn persuna wahda u li ghalhekk ma hemm l-ebda certezza li b''*Omissis*' hija bdiet tirreferi ghall-imputat.

Wahda mill-osservazzjonijiet maghmulha mill-esperti psikjatrici a fol 304 kienet li:

'*4. Kien ovvju li Omissis kellha diffikuta biex tikklassifika n-nies u l-oggetti, u li kienet ghadha tuza l-istess isem biex tirreferi ghal nies differenti. Fil-loghob kien hemm zewg pupi hdejn xulxin li hi sejhietilhom "Simon", u erba' pupi hdejn xulxin li hi sejhietilhom "mummy". Dan jissugerixxi li meta tuza isem jista' jkun li tkun qed tirreferi ghal iktar minn persuna wahda.*'

Din il-Qorti hija tal-fehma wkoll li anke f'kaz li l-minuri b'*Omissis* kienet qed tirreferi ghall-imputat, minkejja li kif anke jirrizulta mir-rapport tal-esperti psikjatrici u l-psikologa, senjatament a fol 304, il-minuri '*giet esposta ghal imgieba u linwagg li mhux adattat ghal tifla tal-eta taghha.*', il-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma tista' titqies li rnexxielha tipprova li kien hemm xi forma ta' partecipazzjoni f'attivita sesswali jew li saret xi korruzzjoni tal-minuri da parti tal-imputat.

Dan it-tieni aggravju ghalhekk qieghed jigi michud ukoll.

Ghalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha.

Ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba din il-konkluzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Din il-Qorti tordna d-divjiet tal-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-minuri, tal-imputat, ta' omm il-minuri u tal-iskola tal-minuri fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur